# IL-PULIZIJA

Vol. 8, No. 4



// Kotba li jinsabu għall-bejgħ fil-Librerija tal-Pulizija

## Kodiċi Kriminali
Lm2 Membri tal-Korp

## Kodiċi ta' Liġijiet tal-Pulizija
Lm2 Membri tal-Korp

## Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili
Lm3.50 Membri tal-Korp

## F'Ġieħ il-Ħaqq — Book I
Lm1 Membri tal-Korp

## F'Ġieħ il-Ħaqq — Book II
Lm1 Membri tal-Korp

## Ġabra ta' Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) 1976-1978
(Magħżulin u miġburin
mill-Onor. Imħallef Joseph A. Filletti B.A. LL.D.
għall-prezz ta' Lm2.80



Il-vjolinista George Curmi
waqt il-'Police Show'

# Il-Pulizija


Vol 8 No. 4

AWISSU 1991

**ORGANU TAL-PULIZIJA**



Editur: Insp. R. Zammit
Bord Editorjali:
President: Supt. J. Brincat
Membri: Insp. M. Baylin, W.P.C. 45 M. Bartolo, P.S.59 D. Saliba, P.C. 1319 S. Galea


**Il-materjal li jiġi ppubblikat f'dan il-magazine mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni tal-Bord Editorjali**

***Ritratt tal-koperatina meħud minn***

**P.C. 84 Paul Xuereb**

## ABBONA F'"IL-PULIZIJA"

Lm1.50 fis-sena tista' tabbona u tirċievi "Il-Pulizija" id-dar bil-posta.

Abbonamenti għandhom isiru fil-Librerija tal-Pulizija, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Furjana.


Stampat fl-Istamperija Indipendenza


## F'DIN IL-ĦARĠA


Editorjal ..... 2
Mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ..... 3
Ittri lill-Editur ..... 4
Għalxejn Tgerger ..... 5
Kritika mill-Pulizija ..... 6-7
Minn ġrajjiet il-Pulizija ..... 8-9
Id-Drogi ..... 11
Road Safety ..... 12
Il-Karrozza ..... 13-14-15
Il-Kappella tagħna ..... 16
Ir-Rokna tal-Kappillan ..... 17-18
Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti ..... 19-22
Meeting colleagues abroad ..... 23
Aspetti tax-Xjenza Forensika ..... 25
Courage in Women ..... 26
Paġna għan-Nisa ..... 27-28
Mill-Kumitat ta' l-Entertainment ..... 29
Domestic Problems and the Police ..... 31-32
Mill-Imgħoddi ..... 33-34
117 Anniversarju mit-twaqqif tal-Pulizija ..... 35-36
Forensic Science Through the Ages ..... 37
Apprezzament ..... 38
Il-Flotta ta' l-Ordni f'Malta ..... 39

## Editorjal

### IL-Magazine "IL-PULIZIJA"

# Frott mill-Akkademja

*Nieħdu pjaċir naraw frott ieħor ta' l-Akkademja tal-Pulizija, liema frott issa mistenni jwa ta' fejda fix-xogħol tal-Pulizija. Nhar it-28 ta' Settembru, 1991 inħatru spetturi ġodda l-ewwel 'Uffiċjali Kadetti' li qatt kellu l-Korp tal-Pulizija. Dawn studjaw għal xhur sħaħ fl-Akkademja kif ukoll barra minn Malta.*

*Ċertament dak li studjaw issa jridu jipprattikawh u jatwawh fuq ix-xogħol bil-kollaborazzjoni ta' sħabhom kemm subalterni kif ukoll ta' uffiċjali kollegi.*

*Il-kollaborazzjoni hija mportanti għaliex hija ħolqa f'katina fix-xogħol tal-Pulizija, liema ħolqa, jekk tkun nieqsa tinħass żgur u tkun fin-negattiv. Nawguraw lil dawn l-ispetturi ġodda suċċess fix-xogħol tagħhom filwaqt li jfittxu din il-kollaborazzjoni fuq ix-xogħol, iżommu l-integrità tagħhom ta' uffiċjali u fl-istess ħin josservaw id-dixxiplina fid-dawl ta' l-Ordinanza tal-Pulizija.*

*L-Akkademja qed isservi ta' tħejjija ta' membri ġodda fil-Korp kif ukoll ta' studju aktar u 'lectures' oħra lis-serving members. Dan kollu hu ta' inkoraġġiment sabiex il-Korp isir iktar effiċjenti u jagħti servizz aħjar liċ-ċittadin. Iżda kull membru hu mistenni li, l-ewwelnett jagħmel id-doveri tiegħu, hu f'liema grad hu, kif ukoll jagħmel dak kollu possibbli sabiex kulħadd iħossu parti integrali fuq ix-xogħol li jaħdem għal qalbu. Kif għedna f'okkażjonijiet oħra, li tkun motivat ma jiġix biss minn kemm tkun imħallas tajjeb, iżda jiddependi wkoll minn diversi fatturi oħra fosthom il-kuntentezza fuq il-post tax-xogħol li jkollok l-għodda meħtieġa biex taħdem, u li jkunu magħrufa sewwa r-risorsi umani ta' l-individwi għax-xogħol partikulari assenjat lilu.*

*Dawn huma fatturi mportanti li kollha jidhru fir-rapport maħruġ mill-Kummissjoni dwar ir-riforma fis-Servizz Pubbliku kif ukoll ġew diskussi fid-diversi programmi organizzati mill-Istaff Development Organisation fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Ta' min wieħed isemmi wkoll, allura li l-Assoċjazzjoni tagħna ġiet mitluba biex toffri l-proposti tagħha flimkien globalment dwar il-gradi kollha tal-Korp. F'laqgħa nhar il-21 ta' Awissu 1991 mad-D.C. u l-A.C. (Admin.) ġew diskussi diversi punti dwar kundizzjonijiet tax-xogħol kif ukoll l-iskala tas-salarju kif proposta. Saru l-proposti tagħna li ġew riferuti lil Gvern u issa nistennew aktar taħditiet jew informazzjoni dwarhom.*

**RAYMOND ZAMMIT**
*Spettur*

# Mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija

## Rapport mis-Segretarju P.S. 649 M. Saliba

Dan l-aħħar smajna b'diversi każi fejn membri tal-Korp tal-Pulizija sfaw attakkati fiżikament waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Din issa saret aktar spiss u kull meta l-akkużat jinġieb quddiem il-Qorti dan jispiċċa b'kundanna ħafifa u b'sodisfazjon li għamel li ried għax mingħalih ħadd ma jista' għalih. Hemm bżonn li l-Liġi ssir aktar iebsa b'tali mod li l-membri tal-Pulizija jħossuhom protetti waqt il-qadi ta' dmirijiethom u f'dak kollu li jinvolvi x-xogħol u l-pożizzjoni tagħhom. Issa sirna nisimgħu spiss li qegħdin jintużaw armi tan-nar kontra l-Pulizija meta dawn jiġu ffaċċjati minn kriminali waqt xi serqa li dawn ta' l-aħħar ikunu qegħdin iwettqu.

Il-kritika minn kull naħa kontra l-kriminalità saret tinħass sew bin-numru ta' każi li dejjem qiegħed jikber, dan jitlob aktar sforz minn naħa tal-Pulizija sabiex tikkumbatti din il-mewġa, iżda l-Pulizija li hija umana wkoll mhux kif forsi xi wħud jaħsbu. Flok għajnuna aktar iva milli le l-Pulizija ssib tfixkil u kritika ngusta. Dan l-aħħar feġġ fenominu ġdid għaliex bl-għajta tad-demokrazija u kemm jista' jkun issir aktar faċli għal kriminali wasalna għall-assurdità li l-esperti forensiċi tal-Pulizija m'humiex validi fix-xhieda tagħna kontra l-akkużat. Min taħsbu li qiegħed jiggwadanja b'dawn il-manuvri? Il-bravi avukati li jagħmlu minn kollox sabiex joħorġu lill-klijent liberat, jew iċ-ċittadin onest li jħossu li għandu jkun protett iżda l-protezzjoni qiegħdha tingħata lil ħaddieħor. Povru ċittadin li dejjem jaqlagħha jkun il-każ li jekk ikun twajjeb issib il-Liġi bis-saħħa kollh akontra tiegħu iżda meta jitlob il-kenn u l-protezzjoni tal-Liġijiet isib kollox kontra tiegħu għaliex id-dubju fil-Qorti dejjem kontra l-akkużat. Li jkun żgur hu li ċ-ċittadin jkun sofra danni li mhux dejjem ikun jiflaħ għalihom.

### DISKRIMINAZZJONI

Fejn tidħol l-Extra Duty għalina l-membri tal-Korp tal-Pulizija f'konfront ma ħaddiema oħra tal-Gvern dejjem saret diskriminazzjoni kontra tagħna. Dan l-aħħar nbeda eżerċizzju sabiex jiġu mġedda l-liċenzji tas-sewqan. Kif jaf kulħadd dan ix-xogħol s'issa dejjem kien ir-responsabbiltà tad-dipartiment tal-Pulizija u dan isir fl-Uffiċċju tal-Liċenzji li hemm ġewwa Hornes Ditch fil-Furjana. F'dan l-Uffiċċju hemm kemm Pulizija kif ukoll pajżana. Dan il-proċess qiegħed isir fil-ħinijiet normali tax-xogħol 'fis-sajf' kif ukoll wara nofs in-nhar sal-5 p.m. Sabiex il-pubbliku jibqa' jiġi moqdi sal-5 p.m. hemm bżonn li jidħlu l-ħaddiema bl-overtime iżda dan japplika biss għal ħaddiema pajżana, għall-Pulizija **le** m'hemmx l-istess opportunità għalina sabiex naħdmu xi ftit overtime bi ħlas. Li niskantaw l-aktar hija li għal dan l-overtime jiġu mitluba li jidħlu ħaddiema oħra minn dipartimenti oħra tal-Gvern. Ta' min isemmi wkoll li fejn tidħol is-sezzjoni tal-karti ta' l-Identità meta x-xogħol kollu kien isir mill-Pulizija overtime għal dan ix-xogħol għalina ma kienx hemm, meta iddeċidew li jagħtu parti mix-xogħol lill-pajżana offrewlna ftit overtime sabiex jekk kien hemm xi xogħol lura dawn jibdew mingħajr backload ta' xogħol. Meta l-karti ta' l-identità bdew isiru kollha mill-pajżana dawn ġew offruti overtime kuljum bis-Sibt b'kollox. Issa hemm flus għal over-time kemm iridu. It-tqanċit spiċċa basta ma jaqgħlawx xi ħaġa żejda l-Pulizija, peress li dawn għandhom ħafna. jafu li ħafna Pulizija jkollhom jaħdmu part time job xi mkien ieħor sabiex ilaħħqu mal-bżonnijiet tal-ħajja. Inħossu li l-Pulizija għandu jiddedika x-xogħol tiegħu kollu għal xogħol konness mal-Pulizija biss u hekk biss jista' jkun aktar effiċjenti. Sakemm il-Pulizija ma tkunx imħallsa kif suppost tqanżiħ biss ikun hemm u ftit li xejn suċċessi.

### PROMOZZJONIJIET

Dan l-aħħar eżatt fl-14 ta' Lulju 1991 tħabbar li dawk il-kuntistablijiet li kienu għaddew mill-eżami ntern għall-promozzjoni għar-rank ta' Surġent ġew appointed f'dan ir-rank b'effett mit-12 ta' Lulju 1991. Kellhom jistennew għal aktar minn sitt xhur minn meta ħareġ ir-riżultat finali ta' l-eżami. Għaliex dawn ma ġewx 'appointed' b'effett b'lura wara kollox dawn baqgħu jagħmlu l-istess xogħol għaliex kulħadd baqa 'posted' fejn kien bl-istess xogħol. Jidhrilna li meta jkun hemm postijiet vakanti fi ħdan il-Korp dawn għandhom jimtlew mill-aktar fis, u mhux jitħalla ħafna żmien sakemm jimtlew. Hemm każijiet ta' diversi ranks minn Assistent Kummissarju sa Surġenti, barra min-nuqqas ta' Kuntistablijiet li jeżistu li dan l-aħħar hu ġej min-nuqqas ta' rispons għas-sejħiet ta' rekluti ġodda. Dan kulħadd jaf għaliex u forsi minn hawn ta' min jerġa' jirrepeti, għaliex ma hemmx inċentivi biżżejjed li jħajjar lil min jaqbad karriera fil-Pulizija. Forsi bħal ma ħasbu għal karrieri oħra fejn sabu nuqqas fir-reklutaġġ jagħmlu l-istess għall-Korp tal-Pulizija u b'hekk ikun jista' jinkiseb aktar riżultat pożittiv b'Korp tal-Pulizija aktar effiċjenti.




Sur Editur,

Darbtejn fis-sena f'Lulju u f'Novembru jsiru ċerimonji ta' tifkira fuq l-oqbra li hemm fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata fejn hemm midfuna diversi membri li servew fil-Korp tal-Pulizija. Hija ħaġa sew li dawn il-membri jingħataw ġieħ minn dawk li servew warajhom u ta' min jattendi kulmeta jsiru dawn iċ-ċ erimonji ta' tifkira. La qegħdin nitkellmu fuq iċ-ċimiterju nixtieq ngħid xi ħaġa dwar il-monument tal-Pulizija, dan jinsab fi stat ħażin ħafna u fuqu jidru diversi difetti strutturali dan minħabba n-nuqqas ta' manutenzjoni li maż-żmien li ilu mwaqqaf ma ngħatax. Nissuġġerixxi li jsiru t-tiswijiet meħtieġa jew jinbena monument ġdid sabiex ikun jista' jingħata ġieħ lejn dawk il-membri tal-Korp li jkunu midfuna fih wara li fl-imgħoddi kienu taw kontribut lil pajjiżhom.

**Fanal**

Sur Editur,

Mat-twaqqif ta' l-Akkademja tal-Pulizija minbarra t-taħriġ lill-membri tal-Korp tal-Pulizija kien maħsub li jitħarrġu kadetti fizzjali ġodda. Għal dan il-għan grupp minnhom bdew kors aktar minn sena ilu. Wara li dawn temmew il-kors tagħhom u anke qagħdu għall-eżamijiet s'issa għadhom ma ħadux l-"appointment" ta' Spetturi. Nixtieq inkun naf għaliex dan id-dewmien kollu? Dan żgur mhux awgurju tajjeb għal dawn il-kadetti u żgur mhux ser iħajjar oħrajn li jistgħu jitħajru japplikaw meta terġa' ssir sejħa oħra għal kors ieħor.

**Sine Die**

Sur Editur,

Waqt okkażjoni li nżammet fil-Ġimgħa tal-Pulizija l-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Intern ġie mistoqsi dwar iż-żjieda fis-salarji li l-Pulizija l-aktar iż-żgħir ilhom is-snin jistennew. Il-Ministru wiegħed li bħalma għamel mal-ħaddiema fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni issa li għandu wkoll ir-responsabbiltà tal-Ministeru ta' l-Intern ser jaħdem sabiex jagħmel l-istess. Il-Pulizija jinsabu jistennew bil-ħerqa l-wegħda tal-Ministru sabiex dan jaħseb ftit fina għaliex jħossu li jinsab minsijin bil-moral baxx.

**Moral baxx**

Sur Editur,

Aħna l-membri li ġejna reinstated u issa għamilna s-servizz kollu għaliex is-salarju tagħna għadu jiġi mnaqqas b'6%? Sakemm konna għadna ma kellniex b'kollox ħamsa u għoxrin sena servizz nifhimha iżda issa li għalaqna naħseb li għandna nieħdu l-paga sħiħa mingħajr tnaqqis.

**Ġustizzja**

Sur Editur,

Nixtieq inkun naf jekk l-Ispettur tad-distrett għandux dritt jindaħal fid-'detail' li jkun għamel il-Maġġur?

Jekk għandu dritt igħidulan jekk le permezz ta' Ċirkulari jew inkella fil-ħarġa li jmiss tal-"PULIZIJA".

Jiddispjaċini ngħid li ċerti Spetturi qed jindaħlu iżżejjed fix-xogħol tal-Maġġuri nkarigati bħala 'detail officers'.

**Fid-Distrett**



## APPRECIATION

# Ex-Police Sergeant No. 334 L. Muscat

It is with profound sadness that we acknowledge the many friends and associates we have lost within our Police Pensioners Association since publication of the last Police Magazine.

Lorry Muscat was such a friend. His active involvement in the Association as its President (recently relinquishing the Presidency but unanimously elected as Honorary Life President) and his deep commitment to the welfare of his fellow men knew no bounds.

The sudden death of ex-Police Sergeant Lawrence, sive Lorry Muscat, really shocked all those who knew him. He was also a man of many gifts and wide interests, especially his love for the sick, the aged and all the other senior police pensioners. As with all his other activities, Lorry Muscat dedicated himself to the fostering of the Police Pensioners Assocation with great enthusiasm and efficiency as many of us, old-timers, confidently will testify. After all, he was its principal founder. The same thing may be said regarding the foundation of the Malta Police Association when, as a Police Constable and then as a Police Sergeant, he had the honour to be one of its pioneers when he strived and worked tirelessly to improve and better the working conditions of the respective Police Branches. He was a most likeable person, always enjoyed an exemplary reputation and was a very loyal and popular colleague.

A man we admired.
A fighter we would wish to emulate
A friend we loved.
We miss him.

MAY GOD GRANT HIM ETERNAL PEACE.

**Joe M. Borg**
Ex-Senior Police Supretintendent and
Vice President, Police Pensioners Association

September

## Novella minn Tania Vassallo

# Għalxejn Tgerger!

Is-Sur Joe inħasel, qaxxar il-leħja u libes pulit għal ħarġa ta' kull nhar ta' Ħadd, mal-għarusa tiegħu. Fetaħ flixkun żgħir aħdar u tefgħa naqra fwieħa fuqu, biex jinxtamm ifuħ. Qabad iċ-ċwievet u telaq 'il barra. Qabel għalaq il-bieb warajh, instemgħa t-telefonu żarżar, qiesu qanpiena. Joe ħa qatgħa ġo msarnu; ħaseb għarustu ġralha xi ħaġa u ma tistax tiltaqa' miegħu. Għalaq il-bieb, poġġa l-mazz taċ-ċwievet fuq il-mejda u daħal ġewwa jirrispondih; qabad ir-receiver minn postu:

"Hello."

"Hello. Hawnhekk mid-Depot, nista' nkellem lil PC 1945." Leħen xejn sabiħ lissen minn naħa l-oħra, għal Joe xejn ma għoġbu. Kien jaf x'inhi l-aħbar, minn qabel.

"Jien hu, igħidli," qalb Joe għamlet tikk.

"Ordnat."

"Fejn."

"Id-Depot."

"Fi x'ħin."

"Suppost fit-tlieta, imma ejja xorta hawnhekk."

Bla ma ried, Joe kellu jneħħi l-ħwejjeġ minn fuqu, imur fil-kamra tiegħu u jaqla' l-uniformi minn ġol-gwardarobba. L-unika ġurnata li kien jista' joħroġ mat-tfajla, sfrattat ukoll. Libes f'ħames minuti, imma l-lenjard ma setax jilbisha sew — kollox bil-ġenn. Daqqa ddurlu 'l hawn u daqqa ddurlu 'l hemm. Ried jgħolliha mas-sema. Fl-aħħar meta x-xitan xebgħa jittantah, ġietu f'postha. Ftakar f'għarustu, ried iċemplilha qabel toħroġ mid-dar u jkun tard wisq.

Niżel isfel, qabad it-telefon u ċempel lit-tfajla:

"Hello."

"Hawn x'ġara. Inqala xi ħaġa żgur. Ordnat."

"Iwa, jiddispjaċini, imma għadhom kif ċ empluli. Daħluni xogħol id-Depot. Imbagħad inċempillek għada. Saħħa."

"Joe, igħid lill-kapijiet tiegħek biex darb'oħra jċemplu aktar tard. Forsi ma jafux kif, isibuk hemm." It-tfajla niżlet it-telefon f'postu, irrabjata għax ma kenitx ser toħroġ ma' l-egħżeż ħabib li kellna. Neżgħet u libset il-libsa tad-dar, għal-lejla m'hemmx ħruġ.

Joe qabad u ħareġ 'il barra, nofsu rrabjat. Ma kellux x'jagħmel. Pulizija — servizz, kien jaf minn dik il-ġurnata li daħal fil-korp — erba' snin ilu, imma għarustu qatt ma setgħet tifhimha kif fis-segħa w il-ħin, jinbidel kollox. Rikeb il-karrozza tal-linja — l-istess waħda li kellu f'moħħu jirkeb għaxar minuti ilu. Ma ħariġx flus mill-but għax kien fis-servizz, intasab bil-qiegħda fuq wara tax-xarabank u qgħad għal kwiet, iħares mit-tieqa għal barra. Xi żewġ stejġis mill-venda, telgħu ġuvni u xebba' it-tnejn mgħanqin flimkien. It-tnejn poġġew fuq il-bank ta' quddiemu u qabdu jitkellmu fuq suġġett li għal Joe kien għal qalbu — fuq il-futur tagħhom. Dak il-ħin, Joe xtaq jerġa' jneħħi l-uniformi u jilbes il-qalziet u l-qmis li kien liebes ftit ilu — ma setax jagħmel hekk, għax dmiru qiegħed isejjaħlu. F'għoxrin minuta skorruti wasal taħt il-loġoġ tal-Furjana, għamel sinjal lix-xufier u dan waqaflu. Joe niżel u ġibed lejn id-Depot, fejn sab bosta sħabu pulizija, jistennew fuq il-bankijiet tal-bitħa u oħrajn fl-intrata ta' l-istess post. Jistennew, jittamaw li ma jinqala' xejn gravi u huma jmorru d-dar ma jdumux.

Uħud bejgħu dakinhar, l-Ispettur kien diġa' għajjat darbtejn għal fall-in, marru żewġ gruppi ta' pulizija; inqala' l-inkwiet serju. Nofs siegħa wara l-wasla ta' Joe, l-Ispettur għajjat għat-tielet darba. Fost innumri li sejjaħ, kien propju l-1945 — Joe messu wkoll bħal sħabu. Telgħu ġol-karrozza bluna u marru fuq il-post ta' l-inċident. Hemmhekk sabu 'l sħabhom iżommu n-nies milli jidħolu f'bini pubbliku. Il-pulizija lebsin l-elmijiet tal-ħadid ġo rashom u jżommu t-tarka quddiem bl-id tal-lemin; filwaqt f'dik tax-xellug, kellhom lembuba. In-nies ippruvat tirreżisti n-numru ta' pulizija u aktar ma jgħaddi l-ħin, aktar il-folla tiħrax u tiżdied. In-nies bdew ġejjin qishom nemel. Minnaħa l-oħra, il-pulizija jieħdu ordnijiet mingħand l-Ispetturi u s-Supretendenti tagħhom. Il-grupp ta' Joe baqa' fil-karrozza għal ftit, sakemm wieħed mis-Supretendenti għajtilhom.

Joe flimkien ma' tnax oħra, għalqu l-bieb prinċipali tal-bini pubbliku u ġew ordnati joqogħdu quddiemu biex ma jħallu 'l ħadd jersaq lejh. In-nies malli rat hekk, aktar ifferoċjat. Bdew jitfgħu kulma jiġi għal idejhom — fliexken tal-ġieġ u oħrajn kellhom ukoll anke ġebel. Mal-pulizija, ingħaqdet l-iskwadra ta' l-S.A.G. mgħammra bl-apparat kollu meħtieġ, biex jipproteġu ruħhom mill-affarijiet li jitfgħu n-nies.

L-irvell ma setax jieqaf malajr. Il-mexxej tal-folla kien għadu ma ġiex. Il-pulizija ma setgħetx tagħmel xejn ħlief timponi lin-nies milli jersqu lejn il-bini pubbliku. Qishom riedu jarawh ħiereġ minn hemm u fl-aħħar hekk għamel. L-Assistent Kummissarju ordnalu jkellem 'l folla u jgħidilha biex tikwieta ruħha. Ma riedx jinxtered demm la min-naħa tan-nies u lanqas minn naħa tal-pulizija. Avżah ukoll, jekk ma jikkalmawx, jagħmel l-intervent tiegħu; juża l-unika arma li biha seta' jferrex in-nies — il-gass tad-dmugħ.

F'temp ta' żewġ minuti, klikka ta' għaxar manigoldi resqu lejn il-pulizija ta' quddiem il-bieb prinċipali. Min kellu xi ġebel u min kellu xi fliexken tal-ħġieġ. Kollu kemm huma tefgħu dak li kellhom f'idejhom għad-direzzjoni tal-bieb prinċipali, imma l-iskop tagħhom kien li jolqtu lill-pulizija l-ewwel, wara jippruvaw jiskawwas il-bieb u jidħlu ġewwa. Lanqas indunaw li l-kap tagħhom kien diġa' ħareġ barra u ser jitkellem. Ħafna mill-ġebel laqat il-bieb u bid-daqqa, il-ġebel reġgħet sparat lura, il-folla resqet lura hekk kif rat il-ġebel ġej għad-direzzjoni tagħha. Il-fliexken tal-ħġieġ ħabtu mal-bieb, imma flok reġgħu lura bħall-ġebel, tfarrku biċċiet u waqgħu fuq il-pulizija. Uħud minnhom intlaqtu; min kellu ferret fuq wiċċu u minn messitu ħafif fuq sidru. Mill-qomos ukoll daħlu l-ħġieġ għax ħafna mill-ħġieġ kien kbir u jaqta' daqs mus tal-leħja. In-nies kif rat hekk, qiesha ħadet pjaċir b'li sar — fost-hom daħku daħka serkastika u għadew xi kummenti.

Fost dawk il-pulizija li ntlaqtu kien hemm Joe. Qiegħ ta' flixkun imkisser maċ-ċaċċiż tal-bieb fuq rasu u baqa' nieżel b'saħħa kbira 'l isfel. Il-qiegħ laqat wiċċ Joe u għamillu ferret kbir fuq in-naħa tax-xellug ta' wiċċu, Joe beda jgħajjat bl-uġigħ. Ta' quddiemu dar lejh u ralu li mill-ferret beda ħiereġ id-demm, ċappaslu l-qmis, il-qalziet u ċarċar daqsxejn ma' l-art. Sieħbu ħareġ maktur minn ġol-but, fetħu u waddablu ma' wiċċu, biex jixrob id-demm; filwaqt ta' maġembu sejjaħ l-Isptar għall-ambulanza. Joe ittieħed l-għassa, fejn tpoġġa fuq siġġu nofsu miksur. Ħames minuti wara, l-ambulanza nsemgħet twerżaq u ftit wara l-infermiera ħadu 'l Joe fuq l-istrecher.

Joe iddaħħal fit-taqsima ta' l-Emerġenza. Hemmhekk nadfulu l-ferita bit-tajjar u bil-penzetta ħalli jneħħu l-frak tal-ħġieġ minn mal-ferita. L-infermiera xappitlu naqra spirtu abjad fuq it-tajjara nadifa u tefatħilu fuq il-ferita. Dak il-ħin, in-nar ta' l-inferm mhux żgur jaħraq daqsha. Sprejjatlu u ħassu aħjar. It-tabib ta' l-għassa ordna jagħmlulu l-punti. Għaldaqstant l-istess infermiera lestiet dixx bl-affarijiet kollha meħtieġa. L-infermiera ħititlu l-ferita ta' wiċċu b'ħajt qiesu xlief u wara għamlitlu garża b'biċċa stikka fuqha biex iżżomilu. Nofs siegħa wara, Joe ittieħed id-dar minn sieħbu stess, li mar miegħu wara l-ambulanza. Malli ommu rat lil binha mweġġa', ħadet qatgħa ġo msarna. Sieħbu telaq, u Joe rrakkuntalha ħafif, ħafif x'ġara.

Jumejn wara, għarustu marret id-dar ta' Joe. hekk kif ratu bl-istikka ma' wiċċu ħadet qatgħa. Saqsietu x'ġaralu. Joe qallha:

"Dejn ma ġara. Xi tridu jiġri. Grejt wara tfajla u qlajt daqqa ta' ħarta."

"U ejja, tgħix ħmerijiet, trid."

"M'qed ngħid xejn ħmerijiet. Il-verità għedt."

"Jaqgħu l-Ħadd, meta kont ordnat."

"Iwa. Waddbu flixkun u ġie fuqi. Qed tara kemm hu xogħol perikoluż, tagħna l-pulizija; u hu xogħol li trid tkun dedikat għalih. Inti tiddieħek biha!"

"Skużani talli ħtaftek l-Ħadd."

"Naċċetta l-iskuża tiegħek, però rridek iddaħħal din ġo moħħok.

Xogħol ta' pulizija huwa erbgħa u għoxrin siegħa kuljum. Ma nistax ngħid, meta jien xogħol u meta m'hiniex. Qed tara b'għajnejk kif inhu ix-xogħol tagħna — filli tkun ħiereġ, filli jċemplulek biex tidħol għax jinqala' xi ħaġa, bħalma nqala' l-Ħadd li għadda."

it-tfajla bla ma riedet kellha taċċetta r-realtà tal-ħajja, bħalma aċċettat li titgħarras pulizija. Għalxejn, daħlet f'moħħha li tipprotesta kontra l-fatt, li dejjem jiġu ordnati l-pulizija; filwaqt in-nies jistgħu jixxalaw ma' l-irġiel tagħhom; għax dak servizz u meta Joe ħa l-ġurament qal li huwa ser jaqdi dmiru mill-aħjar li jista'. Bit-tgergir u mingħajru, Joe xorta waħda, baqa' jiġi ordnat, għax is-servizz hekk jitlob.

## Kritika mill-Pulizija

Minn
P.S. 59 David Saliba

## 'Back from Police Training'

With reference to the article 'Back from Police Training' P.S. 59 David Saliba drew my attention for wearing the landyard on the wrong side. On my 1st day of my working tour with the West Midlands Police Force I was instructed by my Laison Officer Inspector C. Ford that I had to wear the Landyard on the right hand side as I had no executive rights due to the Policy of the Force being that 'anyone who has no executive rights must wear the landyard on the right hand side during their Academic Period'. I hope that I have made it clearly that wearing the landyard on the right was not of any lack of competence or neglegence but as I have clearly explained it was a normal procedure.

P.S. 397 S. Abela 'K' Div.

# MISSION IMPOSSIBLE

At long last is seems that the Malta Police force with all its limitations has finally managed to day down a track for foreign forces to follow.

According to 'Reuter' an international news agency and reported in the local 'Times' British police officials, particularly those serving with the Bristol Police, are currently complaining due to the lack of transport facilities, as well as lack of police personnel.

### British police complain over transport

Police in the western English city of Bristol said they were having to take the bus to crime scenes.

"It's very embarassing turning up at an anxious victims' home late because the bus is late," one officer said.

The Bristol detective force has only two patrol cars and the police complain they are also short of money, officers and equipment. *(Reuter)*

---

Having read this article it immediately instigated me to write an article on our locals means of transport even though we haven't made world news yet!

With this article it is not my objective to obscure any particular person whom in any way directly or otherwise is involved in the decision making or in the day to day running of the force. As every one would agree a good turn had been taken and the 1st step has been made, although the remaining ninety-nine steps seem so far away in the horizon, and the desired standard of policing in a modern society such as ours seems somewhat a 'Mission Impossible'. The common denominator of police work is to prevent the commission of a crime. Yet with so many, man made restrictions even the most able police force couldn't possibly manage to achieve their objective. One of which is with out doubt our transport and fuel problems. This problem has for many many years been a head throbing headache and has also been the main topic in several meetings.

A few years back high ranking authorities within the force appreciated the fact that some districts had no means of police transport what-so-ever. Whilst others consumed their weekly quota within the first few days. Not-with-standing the numerous requests for further and additional petrol, some of which were approved, whilst other requests were sometimes denied, this problem has never been solved nor seriously tackled.

However in this respect some right decisions were taken and following the reduction of police boundaries, where no transport was available, most were provided with a car whilst the quota of others was also increased. Others however have been left without and till date regardless of the many requests, they are still without any means of transport what-so-ever.

How is one expected to get from one end to another is still a mystery for a large number of us. Try walking from Luqa to Sta. Lucia or from Qawra to Mellieħa at night when and where no public transport is available.

Well they say that history repeats itself. For when it comes to police transport the same problem seems to be cropping before our very own eyes, and we shall soon be back to square one. The petrol quota is being exhausted far earlier then it is envisaged to last. Why should police vehicles have quota'(s) I still don't know.

To make things worse and complimenting the heavy work load for which the police transport is an elementary must there have been a large increase in the amount of serving gazzetted officers, all of whom rightly or not expect the police car to attend to their individual needs. Unfortunately though leaving the NCO's and his merry men to serve the general public by some other means. Some police calls may be trivial but the attendance of the police is a must. Suffice to mention, is the ever increasing amount of collisions an NCO has to attend to, all for the convience of a particular insurance company. Whom it turn pay the authorities at Least Lm6.00 providing there are only two vehicles, perhaps an increase is well over due.

But on the contrary have you ever considered detaining a person, and transporting him by public transport or on foot, since no public transport exist after certain hours.

On several occasions the assistance of the mobile police have been sought just for the mere sake of taking the divisional police to the scene of crime, if not to find a press photographer on the scene before you who may have been summoned by a brave citizen. How are we expected to reply to an anonymous law abiding citizen who had managed to build up enough stamina to phone the police, if not to be told that since no transport is available the best would be made to attend as soon as possible. Or will we just be prohibited to say this, so as to run away from the truth.

Most gazzetted officers deploy of the service car to take then to and from their residence to the station, court etc., whilst instructing their drivers not to make us of the car.

Needless to say that this is totally contrary to what the district car is for. Its purpose is obviously to be deployed on service commitments. This of course is a very debatable argument. For on the other hand why should gazzetted officers be expected to pump their wage packet just to go to work. Well doesn't every one else? Not quiet!

Most gazzetted officers have to go to work twice a day being on a split shift. Unless of course once he arrives at home he's not called back in. Not only are other workers not expected to do this but apart from providing them with transport other shift allowance is granted. Now about an allowance for split shift men? One cannot also suspect that some discrimination between one officer and another is made. Where as the officer posted at GHQ have a chauffeur driven car outside their door step, others have to plan on how to get to work.

One must also bear in mind that some postings are not so desirable. Whilst we have men in all categories who live on their station door step others have to cross the island at their own expense of course.

Having a far less adequate police transport (service car) system one cannot avoid the fact that even the general public's esteem is lowered in the police corp since the response of the police is generally slow.

Any realistic person knows that what I'm writing are only just a few of the 'facts of life' from the day to day running of the districts and divisional police.

These problems are self created and can quiet easily be overcome. Sometimes I truly wonder whether the other governmental vehicles and their drivers along with parastatal bodies have any similar problems to us I truly wonder! No doubt we both share one conclusion.

Writing this article the most difficult thing was to draw up a conclusion for I thought of none which would be appropriate. However I shall leave it up to the individual reader to draw up his own, but should any one be interested I still hold one or two suggestions up my sleeve.

# Fejnhom l-inċentivi tal-Pulizija?

**Dan l-aħħar il-gvern ħabbar ċertu miżuri ġodda fil-qasam tas-saħħa, partikolarment fjen jirrigwardja l-infermiera. Dan il-pakkett ta' l-inċentivi kien jinkludi, żjieda fil-paga u fil-ħinijiet tax-xogħol. Kif ukoll 'allowances' għal min ma jieħdux 'sick leave'. Din ta' l-aħħar sejħulha 'ward contingency allowance'.**

Dawn il-miżuri ġodda ttieħdu mill-awtoritajiet peress li kien qed jinħass in-nuqqas kbir ta' 'nurses'. Dawn il-miżuri ġodda, ittejbu u jikkumplimentaw il-kunidzzjonijiet li kellhom qabel, bħal ngħidu aħna, ħlas b'rata dopja għal Ħdud u għal festi. Faċilitajiet li min irid jaħdem 'overtime' jista'. L-'overtime' jitħallas ukoll b'rati dopji filġranet tal-Ħdud u festi. Nagħmilha ċara millbidunett. Aħna l-pulizija m'aħniex kontra li n-nurses jingħatalhom dan il-pakkett ta' inċ entivi. Iżda jekk dan il-pakkett sar peress li hemm nuqqas ta' staff, allura membri filkorp tal-pulizija għandna biżżejjed& Kemm hawn żgħażagħ li verament iridu jidħlu filkorp. Din ir-risposta ingħatat diversi drabi meta nfetaħ l-ingaġġ għar-reklutaġġ ta' pulizija. Meta ftit kienu dawk li applikaw. Ngħiduha kif inhi x'hemm x'jattirak filpulizija. Fl-aħħar snin l-unika miżura li ttieħdet għal pulizija kienet li ġuvintur ta' sbatax u nofs ġew imħajra jidħlu fil-pulizija u dawn isiru tal-post meta jagħlqu it-tmintax-il sena. Minn dawn hemm minnhom li diġà telqu u għall-oħrajn forsi għad ma jafux xi tfisser tkun pulizija. Ġewwa l-akkademja kollox sabiħ ipingu.

Madankollu aħna l-pulizija ma għandna niddejqu xejn meta naraw l-impjegati talgvern jitjitbulhom il-kundizzjonijiet taxxogħol tagħhom imma aħna mhux ukoll impjegati tal-gvern? Jew meta jridu huma biss igħidu li aħna mpjegati tal-gvern.

Il-membri tal-korp tal-pulizija ilhom snin twal jaħdmu 46 siegħa fil-ġimgħa mingħajr l-ebda ħlas għola minn ħaddieħor jew ħlas dopju. Bla dubju aħna ma nistgħux ikollna ġranet ta' vaganzi kull nhar ta' Ħadd jew f'kull festa anzi bħal ma jaf kulħadd ġeneralment ikun miraklu meta jkun imissek frank il-Ħadd u tieħdu għax dejjem b'xi ħaġa. U xi ngħid għal festi. Numru sostanzjali ta' pulizija lanqas il-festa tar-raħal tagħhom ma jkunu jistgħu jieħdu 'leave' jew 'off duty', għax noqogħud nitkarrbu mal-maġġur sabiex jagħmel ħniena minnha u forsi jħaddimna fil-għodu biss. Jekk hemm xi ħadd mill-awtoritajiet li ma jafx bihom issa qiegħed natih stampa ċara u jekk hemm xi ħadd li ma jemminx jistaqsi lil xi pulizija fiddistrett.

Mur ġieb xi mpjegat ieħor tal-gvern li jidħol għax-xogħol f'xi festa u ma jitħallas dopju. Tgħid mhux xi wieħed blu immur finnofs. Kont qiegħed nitkellem ma' żewġ impjegati separati tal-gvern fil-festa ta' l-Imnarja, peress li għalkemm kont tal-festa kont xogħol fil-għodu. Wieħed minn dawn kien 'attendent' mal-latrina u l-ieħor li jiġbor l-iskart. Bla ma trid izzikajthom li ħadd minnhom ma jeħodha 'leave' jew 'sick' dakinhar. "Mela qalli wieħed minnhom, huwa l-lum dopja police". Meta għedtilhom li għalina ma kenitx, tgħidx kemm qlajt voti. Jekk dawn huma mpjegati tal-gvern jiena mhux ukoll. Allura għalfejn din **iddiskriminazzjoni** kollha. Għax forsi ma għandi l-ebda 'union' taqbeż għalija. Sewwa jingħad lid-dubbien għal bniedem makus idur.

Hawnhekk tajjeb li wieħed isemmi li l-pulizija għandha 'overtime' jew kif nafuh aħna 'extra'. Din l-extra titħallas minn ditti privati għal diversi xogħolijiet li xi membru jagħmel. Lanqas hawn ma hu imħallas tajjeb, il-pulizija għadha titħallas b'rati ferm antikwati u ma jirriflettux tajjeb għax xogħol u sogru li pulizija jkun qed jagħmel. Qegħdin f'sitwazzjoni li tmur għassa jew skorta ma flus gżal żewġ liri jew anqas. Dawn huma affarijiet tal-biki imma huma wkoll affarijiet rejali. Fuq dan is-suġġett ta' l-'extra' u l-ħlas nikteb darba oħra għax huwa suġġett li jimmeritah aktar minn żewġ kelmiet.

Mela kif jaf kulħadd qabel l-elezzjoni li għaddiet saru ħafna wegħdi lil pulizija u ngħataw ħafna tlellix ta' kemm se jkun aħjar il-pulizija. Stmat minn kulħadd, paga diċenti, ġimgħa xogħol ta' 40 siegħa bħall-impjegati l-oħra tal-gvern, tkun taf l-għassa tiegħek minn ġimgħa qabel fost oħrajn. Imma l-lum kulħadd jistaqsi, x'sar minn dan kollu? Risposta, xejn. Mhux talli hekk, talli salġurnata tal-lum fl-aħħar ta' Lulju, sezzjonijiet li suppost qegħdin kontinwament jiġġieldu għad-drittijiet tal-pulizija mhux talli ma għamlu xejn iżda għadhom lanqas biss iltaqa' darba waħda sabiex jiddiskutu l-pożizzjoni tagħhom! Kull darba li jkunu se jagħmlu laqgħa dejjem tiġi kanċellata minħabba xi raġuni jew oħra. Aħseb u ara kemm se jsir xogħol u titjib fil-kundizzjonijiet tal-membri fil-korp tal-pulizija.

Jien ma rridx nidħol f'polemiki politiċi, iżda ma hemm għalfejn tkun mobbi b'xi għerf kbir biex irrealizza li l-korp tal-pulizija qiegħed biss jintuża għal propoganda politika miż-żewġ naħat ewlenin. Nixtieq insemmi li meta l-awtorità tal-lum kienu fl-Oppożizzjoni saret ħafna kritika għattmexxija tal-pulizija ta' dak iż-żmien. Il-lum l-istess nies għandhom it-tmexxija ta' l-amministrazzjoni u xorta ma sar xejn, ħlief ħaġa waħda biss dik tal-pensjoni wara 25 sena. Il-lum qegħdin f'pożizzjoni li Alla ħares kellhom jirtiraw dawk kollha li għalqu, għax innumru tal-pulizija jinżel b'numru konsiderevoli.

Madankollu wara din il-miżuri waqafna hemm.

Min-naħa l-oħra l-lum l-Oppożizzjoni tallum qiegħda kontinwament tikkritika t-tmexxija u l-kunidzzjonijiet tal-pulizija. Hawnhekk nistaqsi u meta dawn ta' l-aħħar kellhom it-tmexxija tal-korp u l-amministrazzjoni x'sar minnhom biex jitjiebulu l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Risposta. Xejn.

Mela naħseb kull min ma jrid jitkellem b'mod partiġjanat għall-ebda naħa naqblu li ż-żewġ naħat jużaw il-pulziija fejn u meta jaqbel lilhom, u ġa la darba jkollu l-poter jinsa l-istess nuqqasijiet li jkun tkellem hu stess ftit taż-żmien qabel.

Jien inħeġġeġ il-kumditat konċertnat biex jorganizzaw ruħhom sewwa u fil-qrib jiltaqgħu ma l-awtoritajiet u jressqu ilmenti tagħna.

Dawn il-laqgħat ma jridux ikunu filbogħod peress li fil-qrib hu mistenni li tinbeda l-kampanja elettorali u kulħadd ikun impenjat b'mod jew ieħor.

Il-lum għandna l-isbaħ opportunità sabiex kull ma jsir ikun legali u dan bl-għajnuna kontinwa li qed tingħata minn avukat.

## Kritika mill-Pulizija

## Aktar dwar il-Canteen tal-Pulizija

Fl-aħħar ħarġa tal-magazine tal-pulizija jien ktibt artiklu żgħir dwar il-'Canteen' jew mess(?) tal-pulizija.

F'dik il-ħarġa jien ikkritikajt bil-qawwa li sakemm ħarġet dik il-ħarġa kien għadhom qatt ma ltaqgħu l-membri ta' l-istess kumitat, u wisq anqas ma sar xi titjieb fit-tmexxija tal-'Canteen'.

Bil-kritika tiegħi naħseb li għamilna mhux biss l-ewwel pass 'il quddiem iżda minn dik il-ġurnata 'l hawn il-kumitat iltaqa' diversi drabi fejn wara taħditiet bejn l-istess membri ntalbet ukoll laqgħa mal-Kummissarju.

Din il-laqgħa fil-fatt saret preċiżament fid-29 ta' Lulju 1991, fejn wara li l-membri tal-kumitat tkellmu mal-Kummissarju flimkien mal-A.C. Gauci saħansitra nżilna flimkien sabiex ilkoll naraw kif wieħed jista' jaddatta l-aħjar sistemi li għandna, kif ukoll intejbu xi affarijiet oħra.

Il-laqgħa li saret kienet f'livell ta' kordjalità mill-aqwa u mhux biss ittratajna l-punti kollha li aħna xtaqna, iżda saħansitra aktar milli kien maħsub.

Il-kumitat taħt iċ-'chairmanship' tiegħi jixtieq jirringrazzja bil-quddiem li l-istess Kummissarju, is-Sur A. Calleja flimkien mal-A.C. Gauci li mhux biss tawna widen, iżda wkoll ikkommettew ruħhom li jgħinu l-istess kumitat biex jitfaslu u jitħejjew ċerti pjanijiet, liema pjanijiet ikunu għall-avvanz ta' kull membru tal-pulizija.

Wieħed ma jridx jinsa li għadu kmieni biex il-membri tal-pulizija japprezzaw ix-xogħol ta' wara l-kwinti li qiegħed isir mill-istess membri. Iżda wieħed irid japprezza wkoll il-fatt li hemm ħafna u ħafna xi jsir. Kull bidu huwa iebes u mhux ta' kemm wieħed jaqbad u jgħid li jixtieq li jara dik u l-oħra.

Iżda min-naħa l-oħra nista' naċċertakom li x-xogħol inbeda u forsi fil-qrib napprezzaw xi ftit mill-frott tal-ħidma tagħna.

Jien nixtieq minn hawn nappella lil membri kollha speċjalment dawk stazzjonati fil-kwartieri ġenerali sabiex jagħmlu użu, akbar mill-canteen u mhux minn stabbilimenti oħra.

Mistenni jibda servizz fejn wieħed ikun jista' jixtri varjetà ta' 'snacks' jew trid. Nisperaw li dan is-servizz jintlaqa' tajjeb.

Dan huwa forsi l-ewwel pass u nispera li nibqgħu nimxu 'l quddiem u l-'canteen' ikun verament post fejn wieħed jieħu break u jispiċċa darba għal dejjem milli jissejaħ mess.

# Minn ġrajjiet il-Pulizija
# L-Ewwel Episodju — 1813-1824
## Sensiela ta' tifkiriet mill-imgħoddi tal-Korp tal-Pulizija
### Miġbura minn Lorry Muscat

(Ikompli mal-ħarġa Mejju-Ġunju)

Biex ma jsirux kuntatti kif kien mixtieq mill-Gvern, l-Arċisqof ta' Malta, fil-Pastorali li ħareġ fl-24 ta' Mejju, ordna li l-knejjes kollha għandhom jinżammu magħluqa u d-devozzjonijiet li jsiru waqt is-smigħ tal-quddies, setgħu jsiru minn ġewwa d-djar billi l-intenzjoni kellha ssir fil-ħin li tkun qed titqaddes il-quddiesa; fl-aħħarnett huwa ordna lil kleru biex ikun ħanin ma' dawk milquta.

Fid-29 ta' Mejju, il-Gvern ħareġ proklama li ħadd ma jista' jibdel ir-residenza tiegħu jew jaċċetta abitanti oħra fid-dar fejn jabita mingħajr il-kunsens tal-Pulizija tad-distrett, ebda ħanut ma jinżamm miftuħ matul il-jum mingħajr l-awtorità bil-miktub, u l-ħanut għandu jinżamm magħluq wara nżul ix-xemx sas-sitta ta' fil-għodu; ħadd ma seta' joħroġ mid-dar matul il-lejl, ħlief dawk inkarigati mis-saħħa pubblika.

Fl-1 ta' Ġunju, grupp ta' sinjuri Maltin, fetħu uffiċċju biex jinkoraġġixxu lit-tobba jivvoluntarjaw biex igħinu lil dawk il-familji fqar li jkunu attakkati bil-pesta mingħajr il-mezzi biex iħallsu.

Sadattant l-epidemja baqgħet mixja 'l quddiem u tagħmel qerda fost il-poplu mal-gżira kollha.

Fit-3 ta' Ġunju, il-Gvern ħareġ Proklama u ordna:

Li ħadd ma jista' jmur mingħajr il-permess ta' l-uffiċjal tad-distrett, minn villaġġ għall-ieħor; l-Uffiċjali kellhom il-poter li jimpedixxu lill-abitanti li jiltaqgħu u jieqfu fit-triq u joqogħdu jitkellmu mingħajr neċessità; ma setgħux jikkuntattjaw nies suspettużi bil-pesta jew infettati; il-kummerċ kollu kien sospiż, barra dak ta' natura essenzjali; jekk tinħass il-ħtieġa li jinkrew kelessi, iridu jneħħu l-'covers' tal-bankijiet li fuqhom joqogħdu l-passiġġieri u kull oġġetti ieħor li jkun ta' periklu għat-tixrid tal-pesta; kull dar suspettuża għandha tagħmel marka matul il-ġurnata li tkun tidher u bil-lejl jinżamm mixgħul xi dawl biex jindika li tkun suspettuża.

Il-Maġistrat tal-Pulizija hekk jidhirlu li l-ksur tal-liġi seta' kien ta' periklu għas-saħħa pubblika, għandu jużа l-poteri tiegħu aktar iebsin.

Kull distrett fil-Belt Valletta kien jaqa' taħt l-amministrazzjoni ta' żewġ Spetturi tas-Sanità, wara żdied ieħor u ġew imlaħħqa Deputati li kienu responsabbli mis-saħħa tad-distretti rispettivi tagħhom. Id-distretti ġew imdawra bil-'barriers' biex ikunu iżolati minn wieħed għall-ieħor. Jidher li dawn il-miżuri ma kenux biżżejjed biex tiġi mwaqqfa l-epidemja, anzi din kompliet timxi u teqred b'ħeffa kbira.

F'rapport li kien sar mill-Kumitat tas-Saħħa, intweriet il-fehma li l-aktar żewġ triqat milqua mill-epidemja kienu Strada Pozzi (Wells Street) u l-Mandraġġ, għalhekk il-Kumitat ordna li għandhom jiġu mibnija kmamar ta' l-injam viċin Manoel Island għan-nies li jabitaw f'dawk iż-żewġ triqat. Għall-ewwel il-Gvern sabha diffiċli biex in-nies imorru jabitaw fihom, iżda fl-aħħar ġew ipperswaduti li kien għal ġid tagħhom li jmorru jabitaw f'dawn il-kmamar li għal dak iż-żmien kienu mgħammra bil-ħtiġijiet kollha neċessarji. Nies voluntieri kienu jgħinu lil Kumitat jiddisinfettaw, ibajdu u jnaddfu d-djar ta' dawk li kienu jmutu bil-pesta.

F'dik l-istess epoka, minħabba l-faqar li kien hawn ġiet iffurmata Għaqda biex tiġbor ħwejjeġ u affarijie toħra għal dawk suspettati bil-pesta. Kien hemm nies li kienu lesti li jaċċettaw żgħażagħ fid-djar tagħhom milquta bil-pesta daqs li kieku kienu l-istess uliedhom. Nisa oħrajn li jreddu t-trabi li l-ġenituri tagħhom kienu jmutu bil-pesta.

Fit-12 ta' Ġunju, ġiet maħruġa ordni biex tikkontrolla d-dħul u l-ħruġ bejn il-Belt Valletta u tliet ibliet tal-Kottonera inkluża l-Kalkara, b'dawn il-miżuri l-epidemja bdiet tittaffa xi ftit.

L-epidemja baqgħet tippersisti u tattakka l-villaġġi speċjalment dawk ta' Qormi, B'Kara u Żebbuġ; għalhekk il-Gvern ordna lill-Ispettur tal-Pulizija biex għalaq b'kurdun b'nies armati dawn it-tliett villaġġi biex jiżolahom u jżomm lill-abitanti milli joħorġu mill-villaġġ taħt piena tal-mewt.

Avviż maħruġ fl-14 ta' Ġunju, kien jobbliga lill-impjegati kollha konnessi ma' l-epidemja li biex jiġu identifikati mill-poplu għandhom jilbsu faxxa kif jidher hawn taħt:

Il-Membri tal-Kumitat tas-Saħħa; faxxa bajda madwar id-driegħ;
Deputati tad-Distrett; żagarella tal-ħarir ħamra;
Deputati li jispezzjonaw il-vapuri; żagarella blu;
Uffiċjali Mediċi; żagarella safra;
Kumitat tal-Karità; żagarella ħadra u n-nies li jippurifikaw il-vapuri u d-djar għall-marda tal-pesta; żagarella bajda.

Il-Kap tal-Gvern (Lt. Gen. Oakes), fit-3 ta' Lulju, ħareġ notifikazzjoni, bil-ħsieb li jadotta kull miżura li ġġib 'il quddiem l-isforzi zelanti tar-rispettivi Deputati tad-Distretti, u konxju minn neċessità li jorganizza l-Korp tal-Gwardji Ċivili, u biex jagħti s-saħħa u l-qawwa għall-operazzjoni ta' din il-ħtieġa, u kull taqsima ta' l-istabbiliment tal-Pulizija, li fuqha essenzjalment tiddependi ż-żamma u t-twettiq ta' bosta liġijiet u regolamenti tant neċessarji għas-saħħa pubblika u bon ordni, iħoss li huwa xieraq u sewwa, sakemm tibqa' din iċ-ċirkostanza preżenti ta' niket u ta' dwejjaq, li jagħmel dawn l-arranġamenti:

1. L-amministrazzjoni ġenerali tal-Gwardji tal-Pulizija u tal-Korpi Ċivili jaqa' f'idejn Spettur Ġenerali li jkollu s-setgħa u l-awtorità ta' Maġistrat Superjuri tal-Pulizija.
2. L-Ispettur Ġenerali tal-Pulizija għandu jirċievi l-ordnijiet u struzzjonijiet mingħand il-Kap tal-Gvern, li lilu għandu jissottometti rapport ta' kuljum rigward id-dispożizzjoni ta' Gwardji rispettivi fid-distretti differenti, u jindika fid-dettal kull okorrenza straordinarja li setgħet tissuċċedi l-ġurnata ta' qabel jew matul il-lejl.
3. L-Ispettur Ġenerali għandu joħroġ dawn l-ordnijiet u regolamenti għall-amministrazzjoni interna ta' dan il-Korp, kif jidhirlu li jkun l-aħjar u xieraq u ta' għajnuna għas-servizz pubbliku.
4. L-Ispettur Ġenerali jkollu l-poter mill-applikazzjoni xierqa ta' l-imsemmija Forza Armata, u f'każ li jkollu bżonn ta' aktar għajnuna f'xi emerġenza meħtieġa, huwa jkun awtorizzat li jsejjaħ għal dik l-assistenza militari kif jidhirlu neċessarja.
5. L-Ispettur Ġenerali għandu s-setgħa li jimpjega nies u li jħaddimhom fuq kwalunkwe xogħol kif jidhirlu xieraq u ebda persuna ma tista' tinkiseb fir-roll ta' xi wieħed mill-Korpi fuq imsemmija mingħajr l-approvazzjoni tiegħu.

Il-persuna nominata mill-Kap tal-Gvern għal din il-kariga għolja u mportanti huwa l-Logotenent Kurunell Francis Rivarola.

Fit-8 ta' Lulju, kull vapur li kien ankrat fil-port kien ikun ikkunsidrat li kien kwarantina. L-ebda dgħajsa mikrija ma setgħet tersaq lejn il-vapur mingħajr gwardjan mill-uffiċċju tas-saħħa.

Fit-13 ta' Lulju, il-komunikazzjonijiet kollha fl-ibliet, Birgu, Bormla, l-Isla u l-Kalkara li kien hemm bejniethom u mal-partijiet l-oħra tal-Gżira ġew imwaqqfa u l-istess dawk ta' bejn il-Belt u l-Floriana.

Fis-16 ta' Lulju, il-pulizija ġew dettaljati biex jiżguraw li l-ebda ħwejjeġ ma jiġu minxura, fit-twieqi jew fil-gallarija, li ma jsirx ċaqliq minn post għall-ieħor ta' l-abitanti u ta' annimali domestiċi: klieb, qtates, ħamiem, għasafar u tjur, dawn kienu jridu jinżammu fil-gaġġa. Kull min jikser u ma jimxix mar-regolamenti kellu jiġi arrestat u kkastigat.

Fis-17 ta' Lulju, l-ebda persuna li toqgħod fil-Belt jew il-Floriana ma setgħet toħroġ mil-limiti tad-distrett tagħha, ħlief bejn is-6 a.m. u l-10 a.m. Dawn is-sigħat kienu avżati billi tindaqq il-qampiena l-

kbira tal-knisja ta' San Ġwann. F'dawn is-sigħat kull komunikazzjoni li ma tkunx ta' neċessità kellha titwarrab u persuna waħda minn kull familja setgħet tmur tixtri mis-suq tad-distrett. Il-bejjiegħa tad-diversi sweiq malli jgħaddi l-ħin kif spjegat aktar 'il fuq kellhom jagħlqu l-ħwienet tagħhom. L-abitanti kolha kienu obbligati li jirtiraw fid-djar rispettivi tagħhom sa l-għada fil-għodu. L-Ispettur Ġenerali tal-Pulizija ħareġ regolamenti lil membri taħt il-kmand tiegħu, biex il-liġijiet u r-regolamenti għandhom jiġu strettament osservati.

L-Uffiċjali u l-membri kollha tal-Pulizija kienu nkarigati li jissorveljaw id-diversi barrikati 'barriers' li kienu madwar l-ibliet u biex jirristrinġu l-movimenti kollha tal-popolazzjoni, il-bejgħ ta' l-affarijiet ta' l-ikel kien limitat bejn is-6 a.m. u l-10 a.m., kien dmir tal-pulizija li wara dawk il-ħin il-ħwienet ikunu magħluqa. Il-kap tal-Gvern ħa prekawzzjonijiet biex il-marda tal-pesta tagħmel mill-inqas ħsara lil gżejjer Maltin; għalhekk fl-1 ta' Awissu, il-Gvern ippubblika Avviż li fih ħabbar xi regolamenti ta' kwarantina u widdeb li kien se jieħu passi ħorox kontra dawk li jiksru dawn ir-regolamenti. Ġiet imposta l-piena tal-mewt fuq kull persuna li jibdel ir-residenza tiegħu mingħajr il-permess speċjali tal-Kunsill tas-Saħħa, għal dawk li jaħbu l-mard tagħhom, dawk li jidħlu fi djar infettati, jew li jaħbu l-mard ta' ħaddieħor, jew jaħbu kull xorta ta' oġġetti nfettati.

Fit-2 ta' Awissu, il-permessi kollha kemm ta' l-ibliet u dawk tal-kampanja ġew imwaqqfa. Il-Proklama tas-17 ta' Lulju, lli kienet tawtorizza l-ħruġ tan-nies biex jixtru mis-swieq bejn is-6 a.m. u l-10 a.m. ġiet annullata, u ebda persuna residenti fil-Belt u l-Floriana ma setgħet tiġġerra fit-triqat mingħajr ma tkun suġġetta għal pieni rigorużi kif stipulati fil-liġijiet tal-kwarantina.

Fl-4 ta' Awissu, l-abitanti ta' kull distrett ġew mistiedna biex jiffurmaw bejniethom gwardji għaż-żamma ta' l-ordni, indafa u li l-kwarantina għandha tiġi strettament obduta.

Fl-10 ta' Awissu, l-ebda persuna ma setgħet tispara jew tiġġerra b'xi arma tan-nar, taħt pieni ħorox.

(Minn gazzetti tal-Gvern).

Fit-18 ta' Awissu, ġew ippubblikati regolamenti mill-Ispettur Ġenerali Rivarola nnifsu.

L-Ispettur Ġenerali Rivarola kien jaf li ħafna mill-pulizija ma kenux jafu eżatt x'jitolbu l-istruzzjonijiet biex titnaqqas il-qerda li l-epidemja kienet qegħdha tagħmel fost il-popolazzjoni. Huwa xtaq li dawn ikunu jafu liema prekawzzjoni għandhom jieħdu waqt li n-nies jirċievu xi ikel mingħand persuni li jkunu suspettati; għalhekk iddeċieda li jagħti xi struzzjonijiet lil pulizija biex jispjegawhom lill-abitanti tat-triqat bil-ħsieb li jekk jiġu osservati dawn igħinu ħafna biex l-epidemja tiġi mrażżna.

1. Il-karrijiet li jġorru l-ikel għandhom iżommu fin-nofs tat-triq speċjalment fit-triqat dojoq, biex b'hekk ma jkunux viċin tal-bibien. Meta jqassmu l-ikel lill-abitanti għandhom iżommu mill-inqas sitt passi bogħod.
2. Ix-xerrej għandu jżomm quddiem il-bieb reċipjent mimli bl-ilma fejn il-bejjiegħ jista' jpoġġi l-frott u l-ħxejjex. Dawn iridu jgħerqu kompletament fl-ilma, u jridu jibqgħu għal xi nofs siegħa.
3. It-tajr irid jinbiegħ bla rix; il-fniek u annimali simili mingħajr ġilda, u kollox flimkien mal-laħam irid jgħaddi mill-ilma wkoll.
4. Meta jixtru żejt, imbid jew xi xorb ieħor dan għandu jinżamm f'reċipjent u l-flixken barra l-bieb mingħajr għotjin. Min ibiegħ irid jimla' l-fliexken mingħajr ma jmisshom, jekk bi żball imisshom iridu jinħasslu bl-ilma u jitħallew jinxfu qabel jerġgħu jiġu wżati.
5. Il-kafe', zokkor jew għaġin jixtruhom fil-platti jew reċipjenti oħra bl-akbar attenzjoni possibbli. Ix-xerrej jara sew u jeżamina l-prodott anke' billi jqallbu b'xi sikkina. jekk jinstabu xi xagħar karti jew ħjut għandhom jitneħħew b'xi pinzetta u jinħarqu. Tajjeb li l-istess attenzjoni tingħata lil prodotti tal-ħalib.
6. Dawk li jbiegħu l-ilma jridu jżommuh fi bramel ta' l-injam u jqassmuh fil-fliexken tax-xerrejja, mingħajr ma jmissuhom kif imsemmi qabel.
7. Il-ħobż jixtruh fil-qfief jew fuq bċejjeċ ta' l-imwejjed imma qatt minn id għal id. Wara jittieħdu bil-pinzetta u jitpoġġew fuq in-nar jew tiben jaqbad qabel jittiekel.
8. Joqogħdu attenti għall-flus biex ma jkunx hemm kuntatti, dejjem iżommu distanza u jitlaħalħu fil-ħall.
9. Il-pulizija jrid joqgħod attent li ma jsirux kuntatti bejn l-abbitanti tat-triq tiegħu u lanqas ma' oħrajn minn triqat oħra.
10. Fl-aħħar għandhom jgħallmu lill-abitanti biex qabel joħorġu mid-djar tagħhom jużaw iż-żejt għaliex huwa tajjeb ħafna biex wieħed jiffranka li jittieħed bil-pesta.

Il-pulizija taħt il-kmand ta' l-Ispettur Ġenerali Rivarola ħadmu bla hedha. Kien ħabbar li bejn is-16 ta' april u s-16 ta' Ġunju kienu mietu bil-pesta 518-il persuna, u li kieku ma kenitx il-ħeġġa li wera l-Gvern flimkien ma' l-impjegati tiegħu, żgur li n-numru kien ikun akbar.

Fil-25 ta' Awissu, ħareġ avviż fejn il-poplu ġie mwissi li t-tajjar kollu ta' dik is-sena kien meqjus bħala nfettat.

Fis-27 ta' Awissu, in-nies ma setgħux jixtru frott minn ma' ġenb il-'barriers' tat-triqat.

Fl-10 ta' Settembru, kien ordnat li t-truppi jagħmlu kurdun madwar il-villaġġi taż-Żebbuġ, B'Kara u Qormi.

Fl-4 ta' Ottubru, il-Gvern feraħ lill-abitanti tal-koperazzjoni li taw sabiex l-epidemja tiġi mrażżna.

Fit-3 ta' Ottubru, wasal Malta Sir Thomas Maitland, l-ewwel Gvernatur ta' Malta, li mill-ewwel deher li se jkun Gvernatur li ma jċediha lil ħadd.

Meta wasal malta l-pesta kienet fl-aqwa tagħha, huwa ġabar lit-tobba kollha u staqsihom x'kienet il-pesta u kif setgħu jgħidu li din il-marda kienet pesta jew le. Min-naħa tat-tobba ma ngħatat l-ebda rispeta sodisfaċenti. Mill-mistoqsijiet li għamlilhom raw li dan donnu ried juri li huwa jifhem daqshom.

"Ir-rimedju kollu," huwa qal, "jikkonsisti f'żewġ affarijiet: attenzjoni u separazzjoni, il-kumplament hu bla sens." Huwa ma qagħadx għal parir ta' l-awtorità medika, huwa ordna li l-villaġġi nfettati jiġu mdawra b'kurdun bit-truppi armati u li jisparaw jekk xi ħadd jittanta li jgħaddi, u li jżommu 'l barra mid-djar impestati, u jiżolaw lil dawk milquta mill-pesta fl-Lazarett.

Sat-13 ta' Novembru, l-imwiet f'Malta bdew jonqsu, għalhekk il-Gvernatur Maitland ordna l-fumigazzjoni tal-ħwienet u d-djar fil-Belt Valletta u l-Floriana għal perjodu ta' ħmistax-il ġurnata, taħt is-sorveljenza tat-tabib u l-pulizija.

Huwa ta' maħfra ġenerali lil dawk kollha li minkejja t-twissijiet li kienu saru mill-gvern meta l-epidemja kienet fl-aqwa tagħha kienet ħbew l-oġġetti nfettati. Din il-maħfra tiġi fis-seħħ tagħha jekk il-ħatja jsemmu l-postijiet ta' fejn kienu moħbija lill-Ispettur Ġenerali tal-Pulizija fi żmien għaxar tijiem, biex ikun jista' jieħu dawk il-passi neċessarji biex jiddiżinfetta dawn l-oġġetti moħbija.

Fl-24 ta' Diċmebru, il-Gvernatur, ħareġ il-Proklama Nru X, billi fil-Belt Valletta kien hemm każ suspettuż tal-pesta. Huwa mmedjatament ħa l-prekawzzjonijiet għal din l-okkażjoni; għalkemm kien sodisfatt bl-istqarrija li għamlu l-konsulenti mediċi tal-gvern, li ma kienx każ tal-pesta jew marda li setgħet tittieħed bil-kuntatti li jsiru, iżda huwa kien tal-fehma li d-direttiva li kien ta' fil-Proklama ta' l-4 ta' Diċembru, għall-ftuħ tal-komunikazzjoni ġenerali bejn il-Belt u l-Floriana tiġi mħollija għal ġimgħa wara.

L-Ibliet l-oħra anke' l-vapuri setgħu jibqgħu jikkomunikaw ma' xulxin mill-ewwel tas-sena l-ġdida.

Il-Gvernatur kellu l-ideja li ma jsir xejn f'dawk l-aħħar għoxrin ġurnat ali għaddew li jista' jżomm l-prattika ġenerali (permess mogħti lill-vapuri biex ikunu jistgħu jikkuntattjaw ma' l-art), iżda xorta jħares lejn l-esperjenza ta' l-istorja ta' pajjiżi oħra. Huwa ma jridx iqarraq bil-poplu u jittraskura x-xogħol tiegħu; għalhekk ħass il-bżonn biex ma jieħux riskji li terġa' titfaċċa l-epidemja fatali li għaddiet. Huwa ordna li kull suspett li jkun hemm, il-gvern għandu jiġi nfurmat minnufih.

B'deċiżjoni meħuda malajr u f'waqtha ttieħdet azzjoni biex tiġi evitata milli l-marda tinxtered. Il-poplu kellu jiġi nfurmat bil-linji ġenerali ta' kif għandhom jimxu f'dawk l-okkażjonijiet.

Il-Gvernatur kellu jippubblika regolamenti biex jiġu addottati fil-Belt Valletta qabel tidħol is-Sena l-Ġdida. Fil-partijiet l-oħra tal-gżira meta jkun hemm xi każ jew rapport ta' xi suspett, kellha ssir proklama mill-Uffiċjal tal-Pulizija akkumpanjat minn 'trumpeter' jew 'bugler' fid-diversi triqat, fl-ordni li n-nies jiġu mwissija li jridu jirtiraw immedjatament lejn id-djar tagħhom u li jsir 'patrol' mis-suldati biex il-proklama tiġi nfurzata. Jekk mill-investigazzjoni li tkun qed issir tinstab xi marka, f'dik in-naħa tad-distrett li fih tinstab għandha tingħalaq, u n-nies milquta, jekk ikun hemm il-bżonn jinġarru lejn Lazarett, iżda d-Distretti l-oħra ma jintlaqtux b'dawn ir-regolamenti.

L-Uffiċjali proprja għandhom iżommu stabbilità fis-sitta u għoxrin Distrett imqassma fil-Belt Valletta, u r-regolamenti dettaljati jiġu mfissra lil Uffiċjali kollha max-xogħol rispettiv tagħhom konnessi mas-Saħħa fil-Belt, u jiġu ppubblikati immedjatament għall-informazzjoni ta' kulħadd.

(Ikompli)


CISK
LAGER
...a taste
of success.

# Id-drogi:

# Tajbin? Ħżiena? Jew it-tnejn?

Mill-Ispettur F. Micallef

Aħna ngħidu li kollox fih it-tajjeb u l-ħażin tiegħu.
"Għadni kif ħbat bil-karrozza."
"Ħażin."
"Imma għal inqas ma weġġgħajtx."
"Hekk tajjeb."
"Imma l-karrozza tfarrket."
"Ħażin."
"Imma nxurjata."
"Hekk tajjeb."
U nistgħu nibqgħu sejrin hekk!

Meta nitkellmu dwar id-drogi niltaqgħu ħafna ma' dan l-aspett. Id-drogi jistgħu jserrħuna mill-uġigħ, jipprevenu l-infezzjonijiet u saħansitra jsalvaw il-ħajja tal-bniedem. Dan kollu tajjeb. Iżda dawn jistgħu wkoll jiddistruġġu l-ġisem, iħassru s-saħħa, igħassru l-bniedem bil-vizzju ta' l-użu u saħansitra jistgħu jkunu kaġun ta' mwiet. Dan min-naħa l-oħra kollu ħażin.

Il-problema tad-drogi ma konniex inkunu nafu biha li kieku dawn ma jagħmlux ħsara wkoll. Kieku dawn ma jagħmlux 'side effects', li kieku d-droga 'X' xogħolha biss li sserraħ lill-bniedem u ma taffettwax ħażin il-moħħ jew xi organu tal-ġisem ieħor kieku kollox ikun sewwa. Iżda d-drogi ma jaħdmux hekk. Dawn għandhom potenzjal qawwi li f'daqqa waħda jagħmlu ħsara jew iweġġgħu lil min jużahom u dan jiddependi minn ċerti ċirkustanzi li fihom id-drogi jiġu wżati.

L-aspett tat-tajjeb u l-ħażin jidher sewwa fid-droga 'Morfina'. Fi żmien il-gwerra ċivili ta' l-Amerika din kienet tintuża sabiex tneħħi l-uġigħ li kienu jsofru s-suldati minn xi ferita jew minn xi ċirkustanzi aktar gravi. Tant kienet effettiva fl-użu tagħha li ġiet imlaqqma 'G.O.M.' — (God's Own Medicine). Dan l-effett kien tajjeb peress li l-uġigħ kien mill-ewwel jitwarrab mill-użu tal-'Morfina'.

Iżda t-tajjeb malajr sar ħażin għax wara xi żmien indunaw li l-'Morfina' kienet 'addictive' b'konsegwenzi xejn sbieħ ta' 'withdrawal symptoms'. Il-konsegwenza ta' dan kienet eluf ta' suldati li saru jiddependu mill-użu tal-'Morfina' għaliex din hija n-natura ta' l-'Opiates'.

Bħala regola nistgħu ngħidu li kull droga tista' tkun perikoluża. Jiddependi mid-doża, iż-żmien tat-tul ta' l-użu, il-purità tagħha, u diversi fatturi oħra. L-ebda droga iżda ma hi kompletament 'safe'.

Hemm diversi tipi ta' drogi. Hemm dawk li għandhom potenzjal qawwi ta' abbuż iżda m'għandhom l-ebda użu mediċinali leġġittimu. Fost dawn insibu l-eroina, LSD, Marijuana, l-aktar popolari fost l-oħrajn.

Hemm dawk ukoll li għandhom l-istess potenzjal ta' abbuż, daqstant qawwi. Fost dawn insibu l-'Librium' u l-'Valium'.

Bla dubju dejjem ikun hemm kontraversji dwar jekk hemmx aktar benefiċċji milli perikoli bl-użu tad-drogi naturalment liġġittimi. Il-manifattur ma tantx jaqbel ma' ċerti restrizzjonijiet li jsiru dwar id-drogi iżda l-istudju dwar l-effetti tad-drogi dejjem għaddej u minn żmien għal żmien qed isiru restrizzjonijiet ġodda skond iċ-ċirkustanzi. Dan peress li ċerti drogi li kienu jiġu meqjusa ta' ftit periklu għas-saħħa jinsab li l-effett tagħhom huwa drastiku ferm aktar milli maħsub u għalhekk ikun irid ċertu restrizzjonijiet dwarhom.

Wara li tajna ftit informazzjoni dwar x'inhuma d-drogi nistgħu ngħaddu sabiex neżaminaw kategoriji diversi tad-drogi psiko-attivi (psychoactive drugs).

Nistgħu naqsmu dawn it-tipi f'ħames kategoriji:

**In-Narkotiċi** (Narcotics) li bażikament huma l-'opiates' jiġifieri l-'Opium', 'Morfine', 'Beroin' u 'Codeine'. Hemm ukoll dawk sintetiċi bħall-'methadone' u 'meperdine'.

Il-kelma **narcotic** hi mnisla mill-kelma Griega 'Narkotikos' li tfisser dak li jħeddel u jraqqad is-sensi. Dan hu l-effett primarju tad-dorgi narkotiċi. Dawn primarjament jaħdmu fuq is-sistema prinċipali tal-ġisem (central nervous system) sabiex ittaffu l-uġigħ jġibu l-kalma u l-irqad.

Iżda n-narkotiċi jikkawżaw dipendenza fiżika. Id-dipendenza tvarja minn ċertu fatturi, bħalma hi d-doża u l-mod ta' kif tittieħed, u dan jekk ikunx mill-ħalq, mill-imnieħer jew mill-vini; kemm tittieħed u kemm idum l-użu tagħha. It-tolleranza mill-użu malajr tiġi. U l-'withdrawals symptoms' kkawżati mit-tollerenza għalkemm m'humiex pjaċevoli dawn m'humiex fatali.

Kategorija oħra hija tad-drogi 'Sadetives', 'Barbiturates' u 'Hypnotic drugs'. Dawn id-drogi jiddispressaw is-sistema ċentrali tal-ġisem (central nervous system). Dawn jintużaw ħafna biex jirrilassaw, ineħħu l-anzjetà u jġibu l-irqad.

L-aktar 'saditive' wżat huwa l-alkoħol. Kien hemm żmien meta l-alkoħol kellu użu mediċinali iżda dan twarrab u bdew jużaw minfloku l-barbiturates u tranquilizers ħfief u sadditivi ġodda u hypnotichs. Dawn id-dorgi wkoll għandhom ir-riskju tad-dipendenza fiżika. Il-potenzjal tad-dipendenza jvarja minn droga għall-oħra. L-użu tal-barbiturates jista' jġib is-sintomi tas-sakra bħal dik mill-alkoħol, jiġifieri tqallih ta' stonku, nuqqas ta' koordinazzjoni, vjolenza ecc. L-aktar sintomu komuni huwa l-'hangover'. Taqlib, dellirju u saħansitra mewt huma fost ir-riskji li jiffaċċjaw dawk b'użu regolari b'konsegwenza tal-withdrawals. Griehi serji jew fatali fl-organi interni huma fost il-perikli li jiffaċċjaw dawk li jkomplu bil-vizzju.

Kategorija oħra hija ta' dawk l-istimulanti li jaffettwaw is-central nervous system (C.N.S.) u għalhekk dawn id-drogi huma msejħa central nervous system stimulants.

L-aktar droga antika f'din il-kategorija hija l-kokaina. Droga li hija estratt tal-weraq tal-'Coca-plants' imkabbra fis-South America. Din id-droga titmula s-C.N.S. u tikkawża sens ta' rillasament. Din id-droga għandha xi użu mediċinali iżda bħal fil-każ ta' l-alkoħol dan l-użu qed isir minn drogi sintetiċi oħra.

L-aktar stimulanti sintetiċi huma l-anfetamina, li għandhom l-effett tagħhom jixbaħ lil tal-kokaina. Użu aċċessiv ta' dawn id-drogi, speċjalment jekk jittieħdu direttament ġol-vina jipproduċu attività eċċessiva, twedin tal-moħħ, ħsibijiet oħra u xi drabi anke imġieba vjolenti. Xi ċirkustanzi kemm-il kokaina kif ukoll l-anfetamina jġibu dipendenza tal-moħħ.

Il-kafeina u n-nikotina huma wkoll stimulanti imma mhux daqshekk drammativi. Lanqas il-periklu għas-saħħa ma jidher daqshekk malajr meta jsir abbuż bihom daqshekk fil-każ ta' abbuż bil-kokaina u l-anfetamina.

Il-kategorija li jmiss hi dik ta' l-'Hallucinogenics drugs'. Dawn it-tip ta' drogi jvarjaw ħafna. L-aktar waħda komuni u li wieħed mill-ewwel tiġih f'moħħu hija LSD. Drogi oħra minn din il-kategorija jinkludu l-'Mascaline' mnissla mill-Peyote u l-pjanta tal-cactus, u l-psilocybin mnissla mill-mushrooms.

Aktar minn drogi oħra psikoattivi l-effett tal-halluninigens jiddependi minn dak li jkun qed jistenna minn juża, il-post jew l-ambjent ta' fejn tintuża u aspetti oħra simili. It-tolleranza għal-LSD malajr tikber iżda qatt ma kien hemm rapport ta' withdrawals. Primarjament l-effetti ta' din id-droga huma psikoloġiċi.

L-aħħar kategorija hija l-'Inhalants' u s-'Solvants'. In-Nitrous Oxide msejjaħ 'Laoughing Gas' u l-Etere kienu fost ta' l-ewwel li kisbu popolarità għall-pjaċir mill-użu tagħha. Aktar tard dawn bdew jintużaw bħala loppju. Kimiċi oħra bħal Gasoline u Benzine u kimiċ i konnessi oħra, huma fost dawk li jwasslu anke għall-mewt f'każ ta' użu regolari f'postijiet fejn m'hemmx ventilazzjoni. Kimika popolari ħafna u ta' min isemmi hija l-kolla tal-formajka. Użu ta' kultant jipproduċi effett bħal dak ta' l-alkoħol u f'xi każi anke illużjonijiet.

Dawn li semmejna huma fost l-aktar drogi popolari u li ta' kuljum wieħed jista' jilaqa' magħhom. Darba oħra naraw dwar l-imġieba ta' min juża d-drogi, il-periklu li joħolqu u l-effett fiżiku li jħallu.

# Road Safety

**By Supt. A. Abela**

**Why are we facing so many problems on traffic in Malta? I am certain that many like me have discussed with foreigners the traffic problem in Malta, and not one of us has heard complimentary views.**

I believe that the important aspect all of us are missing is the knowledge of the Motor Vehicles Regulations. Efforts were taken in hand to educate the public in this subject through the local media. In fact in 1984 a series of educational programmes titled "Għal Sewqan Aħjar" were prepared through the help of the Department of Information and shown on television. The reaction of the public in general was encouraging, however it is very difficult to understand why such programmes were only screened once. Further educational programmes were also shown on television throughout the years but the need to have more Police Officers, lawyers, architects and other experts on the subject to discuss traffic problems and educate drivers, is still patiently awaited.

It is true that Malta is rather small in size thus having few roads to compensate for the number of vehicles on the Island. Considering the fact that there are more than 140,000 licensed vehicles. However this does not mean that nothing can be done to reduce traffic accidents. Maybe it is high time to introduce an annual test for all vehicles to ascertain their roadworthyness. I am positively sure that we could reduce the number of vehicles on the roads by scrapping all those vehicles found to be non-roadworthy.

One other aspect that could be taken into consideration is whether it is time to stop the importation of second-hand vehicles. Individuals are earning money, to the detriment of the Island and its population by calling at scrapyards in U.K. These individuals buy scrapped vehicles for small sums of money and by spending some few Maltese liri repaint them and sell them at a good profit. Naturally after some years these vehicles finish up in front of your residence obstructing the free flow of traffic and messing the environment.

It is worth mentioning that the recently introduced law which prohibits unused vehicles to be recovered by the Police and dumped, has already given the required results. Through this law the Commissioner of Police may remove, store and dispose of any encumbering object which is parked, berthed or placed for more than three days in a space which is not lawfully permitted to be used for such purpose This in fact, does in a good way help also to reduce traffic jams and naturally decrease the number of traffic accidents, thus having safer roads.

In the past and particularly during the last decade legislative measures have been adopted, meetings have been promoted and researches have been carried out on road safety. Initiatives have not, in many cases, found their completion and thus have not been able to produce a real reduction on the number of road accidents, whereas the price paid by the community in terms of human lives and economic costs has unfortunately been increasing. Following new forms of political and economic cooperation at present under way in Europe, the mobility of people and movements of goods are rapidly increasing; hence the need for appropriate measures to prevent any possible negative effort on road traffic safety. Safety can be improved through the joint efforts of all those who are operating in the road transport sector and in the light of the new political and economic forms of European cooperation, by coordinating action among the various Governments within the different international fora.

Lastly, constant information on the danger of road traffic must be ensured through properly designed programmes for schools and through national and international information campaigns.

I am sure that I can keep writing a good number of pages on this problem, however each driver in Malta appreciates the importance of good driving on our Island and if each and everyone of us makes a small effort, we can have better driving in Malta. All in all we are not the worst drivers in the world.

POINT DE VUE

GUEST HOUSE, 3-7 THE SAQQAJJA RABAT — MALTA. TEL: 454117

Snack Bar

Cafeteria

Pizzeria

Restaurant

Lounge Bar

# Il-Karrozza

## mal-milja taż-żmien

minn J.M. SCICLUNA



### CADILLAC




Għal min għandu memorja tajba, u mhux bħal tiegħi, fl-aħħar taqsima għidna li l-Cadillac kienet tifforma part mill-General Motors Corporation ta' l-Amerika, jew iktar eżatt inxtrat mill-istess intrapriża fl-1914. L-isem ta' din il-karrozza ġie mogħti ad unur tal-Franċiż Antoine de la Mothe Cadillac li kien fizzjal fl-armata Franċiża u li fil-fatt bena l-pedamenti tal-belt ta' Detroit fl-1701. William Murphey, kummerċjant ta' l-injam, qabel beda jimmanifattura l-Cadillac, kien strumentali ħafna fil-bini tal-karrozzi minn Henry Ford.

L-ewwel mudell tal-Cadillac ġie espost għall-pubbliku fil-wirja tal-karrozzi ta' New York fl-1903. Din kienet karrozza sempliċi, b'saħħitha, b'makna b'ċilindru wieħed u għolja ħafna mill-art, li kien iservi tajjeb għat-toqob ħżiena li kienu jeżistu dak iż-żmien. Sa l-1908 disa' kwalitajiet differenti ta' Cadillac ħarġu għall-bejgħ. Fl-istess sena waħda mil-mudelli rebħet ir-"Reliability Trial" li kienet tikkonsisti f'ġirja ta' elfejn mil bla waqfien. Il-leġġandarju William Crapo Durant, li kellu l-General Motors, irnexxielu wkoll jakkwista l-Cadillac biex għamel żjieda oħra mal-karrozzi tajbin li kellu fi ħdan il-General Motors. Fl-1928 il-Cadillac kienet l-ewwel karrozza fid-dinja li kellha "all-synchromesh gearbox" u hydraulic brakes fl-1937. Durant irriorganizza l-kumpannija tal-Cadillac u dlonk bdew jinfiltraw is-suq mudelli ġodda tal-Cadillac. Fl-1930 Cadillac b'makna V-16 ħarġet għall-bejgħ iżda l-kobor enormi tal-makna ma tantx għamel suċċess u l-fabbrkanti malajr ċekknu l-makna għall-V-12. Iżda anke din kienet ftit goffa u reġgħu waqgħu għall-V-8. Fl-1941 ħareġ mudell ġdid b'makna V-8 b'ċilindru ta' 5700 c.c. Il-prezz inżamm baxx jew aħjar raġonevoli ħafna filwaqt li t-teknika inkredibbli, il-kumdità u r-rikba tajba ma naqsuz. Fil-fatt 66,130 Cadillac inbiegħu fl-istess sena.

Fl-1948 innovazzjoni dehret fuq il-Cadillac li wara ġiet ikkupjata għal ħafna snin mill-karrozzi Amerikani kollha. Din kienet dik il-parti tal-"mudguard" jew kif igħidulha l-Amerikani "fender" li fuq in-naħa ta' wara tispiċċa għolja biex tiġi qisha denb ta' ajruplan. Sena wara ġiet introdotta forsi l-aqwa makna li qatt ħarġet il-Cadillac.

Din tant intgħoġbot li dilettanti u ditti tal-karrozzi tat-tlielaq bdew jimmontawha fil-karrozzi tagħhom. Waħda minn dawn id-ditti kienet l-Allard ta' l-Ingilterra. Mill-ħamsinijiet 'l hawn il-Cadillac baqgħet karrozza lussuża mogħnija b'dak li wieħed joħlom li jkollu f'karrozza, sforz il-motto tad-ditta: "Twemmin fl-artiġġjanat u liġi ta'

eżattezza. Il-Cadillac imlaqqma wkoll ir-Rolls-Royce ta' l-Amerika.





## CHECKER

Iċ-Checker Motor Corporation ta' Kalmazoo, Michigan għandha storja sempliċi. Fl-1922 il-fabbrika bdiet tagħmel it-taxis — karrozzi ta' strapazz, makni b'saħħithom, u bla ebda lussu, l-essenzjali biss. Fl-1948 id-ditta bdiet taħseb biex toħroġ karrozzi għall-pubbliku in ġenerali iżda ma kienx qabel l-1959 li l-ewwel karrozzi Checker ġew offruti għall-bejgħ. Id-disinn tal-karrozzi baqa' ma nbidel kważi xejn għal żmien twil filwaqt li kienu jintużaw makni ta' Chevrolet. Iċ-Checker kellha toffri biss tliet mudelli tal-karrozzi tagħha, Saloon, Station Wagon jew Lomousine. Għalkemm l-istil tal-karrozza baqa' antikwat xorta waħda baqgħu jbiegħu għax kienu jservu ħafna u fuq kollox kienu jissaportu vjaġġi twal bl-inqas manutenzjoni.

## CHENARD & WALCKER

Fl-1895 mekkanik Franċiż bl-isem ta' Chenard bena ticycle bil-mutur u din inbiegħet lil wieħed Ingliż għal somma flus ġmielha. Dan ħeġġeġ lil Chenard biex jibda jibni minn dawn it-ticycles. Inġinier tal-minjieri bl-isem ta' Walcker daħal bi sħab ma Chenard. Fl-1901 bdew jipproduċu karrozzi u sa l-1912 kellhom diversi mudelli għas-suq. Il-produzzjoni bdiet miexja tajjeb biżżejjed biex tinkoraġġixxi li Chenard u l-Walcker biex jipperfezzjonaw iktar l-aspett mekkaniku ta' dawn il-karrozzi. Sal-1926 Chenard & Walcker kellhom xi ftit unuri li akkwistaw fit-tlielaq iżda f'din is-sena kellhom sodisfazzjon kbir meta tliet karrozzi Chenard & Walcker okkupaw l-ewwel tliet postijiet fit-tiġrija Boillot Cup. Fl-istess sena fis-San Sebastian Touring Grand Prix Chenard & Walcker ħadu l-ewwel u t-tieni postijiet biex warajhom daħlet Mercedes 7 Litre. Fl-aħħar tal-għoxrinijiet id-ditta Chenard & Walcker iltaqgħu ma' xi diffikultajiet u f'dawn iċ-ċirkostanzi deffsu imneħirhom xi ditti oħra. Sa wara t-tieni Gwerra l-karrozzi li kienu ħerġin kienu Chenard-Ford biex issa Chenard & Walcker laħqu tilfu l-kredibbiltà tal-poplu Franċiż. Fl-1951 il-Peugot xtrat lil Chenard & Walcker biex din id-ditta spiċċat tipproduċi partijiet għall-makkinarju agrikolu u għall-industrji.





## CHEVROLET

Għalkemm il-karrozza li kienet iġġib ismu kienet l-iktar waħda li nbiegħet fl-1929, Louis Chevrolet ftit li xejn kellu x'jaqsam mas-suċċess li għamlet din id-ditta. Louis Chevrolet twieħed fil-Milied tas-sena 1878 u kien it-tifel ta' arluġġar Svizzeru. Meta kiber Louis ħadem ma' ditti tal-karrozzi bħalma huma Mors u De Dion Bouton fi Franza. Il-familja emigrat lejn il-Kanada fejn la Quebec u lanqas Montreal ma kellhom x'joffru lil Chevrolet li xtaq jibda negozju tal-karrozzi. Chevrolet spiċċa fi New York jaħdem għal De Dion Bouton ta' Franza u wara ma' kumpannija li kienet immonta karrozzi Taljani fl-Amerika bħal Lancia u Fiat. Fl-1905 Louis Chevrolet tellaq fit-tiġrija tal-karrozzi ta' Morris Park b'Fiat fejn stabbilixxa rekord ta' veloċità. Durant tal-General Motors ħajjar lil Chevrolet biex itellaq bil-Buicks fejn fil-fatt kellu ħafna suċċessi. Fl-1910 Louis Chevrolet ipperswada li Durant biex jipproduċi karrozza stil Ewropew sforz l-influwenza ħarġet mingħand il-General Motors fejn għadha sal-lum. Sentejn wara Louis Chevrolet kellu xi jgħid bl-ikreh ma' Durant meta dam ta'

l-aħħar ried li joħroġ Chevrolet sempliċi u rħisa biex jikkompetu lil Ford Model T. Issa Louis Chevrolet ipprova jiftaħ għal rasu, iżda wara ħafna sforzi spiċċa biex fl-1933 kompla jaħdem ma' Chevrolet Motor Company ta' Durant bħala mekkanik komuni. Sena wara Luis Chevrolet telaq il-kumpannija meta mietlu t-tifel, imbagħad nar li ħakem id-dar tiegħu qeridlu kemm kellu xogħol ta' disinji fuq il-karrozzi.

Sadattant Chevrolet ħadem bħala konsulent tekniku ma' kumpannija oħra meta marda li ħakmietu temmitlu ħajtu fis-6 ta' Ġunju ta' l-1941, fejn ġie midfun f'indianapolis. Il-karrozza Chevrolet kellha bil-bosta iktar suċċessi milli kellu il-fundatur tagħha. Il-vetturi Chevrolet jinħadmu mhux biss fl-Istati Uniti, iżda wkoll fil-Brażil, Messiku, l-Afrika t'Isfel, l-Arġentina u saħansitra mill-Isuzu fil-Ġappun. Forsi l-iktar mudell Chevrolet li huwa magħruf mid-dilettanti tal-karrozzi huwa l-Corvette, mudell sportiv, b'makna ta' saħħa enormi u bl-ingredjenti kollha li dilletant jistenna minn karrozza ta' din il-kwalità.

## CHITTY-CHITTY-BANG-BANG

Fil-bidu ta' l-era tal-karrozzi r-reklam kien isir permezz tat-tiġrijiet. Dik il-karrozza li tirbaħ it-tellieqa kienet titqies bħala l-aħjar marka biex tinxtara mill-pubbliku. Drawwa oħra f'dawk iż-żminijiet kienet li iktar ma trid il-karrozza tiġri kull ma kellek tagħmel hu li tkabbar il-makna filwaqt li t-teknika moderna tigħidilna mod ieħor. Wieħed minn dawn in-nies li bnew karrozzi monstri għat-tiġrijiet kien il-konti Louis Zborowski, sinjurun li kien igħix f'Kent, l-Ingilterra. Missier Louis kien miet waqt tellieqa tal-karrozzi fl-1903 waqt li kien qed isuq Mercedes 60. L-ewwel karrozza li għaqqad Zborowski, bl-għajnuna ta' Clive Gallop, kienet b'makna Maybach Zeppelin 300 b.h.p. fuq chassis ta' Mercedes addattata ta' din il-makna kbira. Iċ-ċilindrata ta' din il-makna kienet ta' 23,000 c.c. u t-tul tal-makna biss kien ilaħħaq ftit inqas minn żewġ metri. Meta Zborowski daħħal din il-karrozza għat-tlielaq fi Brooklands, l-awtoritajiet staqsewh x'kien jisimha l-karrozza u Zborowski wieħeb li semmieha Cascara Segrada. Dan l-isem ma daqq xejn lill-awtoritajiet ta' Brooklands u staqsew lil Zborowski għal isem iktar tal-widna.



It-tweġiba ta' Zborowski issa kienet li l-karrozza tiegħu jisimha Chitty-Chitty-Bang-Bang, u dan l-isem ġie aċċettat. Iċ-Chitty, kif kienet magħrufa fil-qosor għamlet id-debutt tagħha fl-1921 fejn rebħet bla tbatija b'veloċità medja ta' mitt mil fis-siegħa. Fl-1921 Chitty rebħet ukoll it-tellieqa Targa Florio. Fl-1922 f'tiġrija oħra fi Brooklands iċ-Chitty splodielha tyre, ħabtet, inqalalha l-frott axle u b'xorti tajba Zborowski ħelisha ħafif. Zboroswki issa bena iċ-Chitty II għall-vjaġġ twil li ħadu minn Franza għal Nizza, qasam għall-Alġerija sa ġos-Sahara. Għal dan il-vjaġġ Zboroswki kellu wkoll Chitty III biex tittrasportalu l-bagalji, ikel, għodda u xi affarijiet oħra neċessarji għal dan il-vjaġġ. L-aħħar karrozza li saq Zboroswki kellha xi magħmul. Waqt li kien qed itellaq biha f'Monza, Zborowski ħabat u miet fil-post. L-istess karrozza xtraha ċertu Parry Thomas u wara li sewwieha ipprova jikser "Land speed record". Fl-1927 waqt il-prova, il-katina tal-karrozza inqatgħet, u qgħatet ras Thomas. Din kienet l-aħħar darba li ntlemħet Chitty tieħu sehem f'xi tiġrija. Iżda ċ-Chitty-Chitty-Bang-Bang tibqa' tissemma fil-film li jġib l-istess isem u fil-Mużewijiet fejn jinsabu dawn il-karrozzi glorjużi.

# IL-KAPPELLA TAGĦNA

**Minn PC 1319 Simon Galea**



Wara li ktibt xi ħaġa fuq il-kappella tagħna fir-rivista li għaddiet ħassejt li għandi nerġa' nikteb biex infakkar fl-avvenimenti ġodda li ġraw għall-beneficċju ta' kulħadd.

Wara l-festi sbieħ tal-Għid li bħas-snin oħra dejjem iġibu ferħ fi qlub l-insara kollha, bdejna l-istaġun tal-festi.

L-ewwel festa li kellna kienet dik ta' 'Corpus' fit-2 ta' Ġunju. Qabel il-quddiesa Patri Raniero Zammit bierek l-orgni li nxtara mill-Kummissarju għall-Kappella tagħna. Kienet okkażjoni sabiħa ħafna. L-orgni ndaqq għall-ewwel darba minn PC 451 E. Mifsud. Wara l-quddiesa ġie espost Ġesù Sagramentat. Ġiet armata l-Ġilandra għall-okkażjoni u wara ġiet mogħtija l-barka sagramentali. Ta' min igħid ukoll li biex il-Ġilandra setgħet tintuża kellu jsirilha xogħol ta' restawr minħabba li kienet ilha ma tintuża!

Nhar id-9 ta' Ġunju kienet il-festa devota tal-Qalb ta' Ġesù. F'din il-quddiesa reġa' ndaqq għat-tieni darba l-orgni u sar kollox bħal quddiesa tal-Ħadd ta' qabel. In-numru ta' nies li attendew għal dawn iż-żewġt okkażjonijiet kien wieħed inkoraġġanti.

Fis-16 ta' Ġunju saret 'Requiem Mass' b'suffraġju għar-ruħ Hilary Zammit McKeon ta' 19-il sena minn Ħaż-Żebbuġ. Minħabba l-attendenza kbira l-quddiesa saret fil-Vilhena Hall.

Fil-ġimgħa tal-pulizija, il-kappella jkollha żewġt avvenimenti: dik tat-Tberik ta' l-oqbra u l-oħra l-quddiesa li ssir f'Jum il-Pulizija fil-għodu.

L-ewwel avveniment kienet quddiesa fil-kappella taċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata li ġiet ċelebrata minn Patri Frans Baldacchino Kappuċin. F'din il-quddiesa ħa sehem il-Kor tal-Pulizija li servietu ta' preparazzjoni għal Jum tant mistenni tal-Pulizija. Wara saret ċerimonja ta' tifkira fuq l-oqbra ta' l-ex membri tal-Korp. Mal-Monument tqegħdu kuruni tal-fjuri minn Dr. Ugo Mifsud Bonnici, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u l-Intern u s-Sur Alfred Calleja, Kummissarju tal-Pulizija.

Kuruni oħra tqiegħdu mill-Malta Police Officers Men, mill-Assoċjazzjoni Maltija tal-Pulizija, mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija u mill-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti. Waqt iċ-ċelebrazzjoni ndaqq salut mit-Trumbettista PS 152 J. Mintoff.

Minn ġimgħat qabel Jum il-Pulizija, bdew it-tħejjijiet biex kollox imur sew. PC 451 E. Mifsud ħa f'idejh il-Mużika. Żgur li pprepara il-kor kif ukoll il-Mużiċisti li kienu jikkonsistu f'sitt vjolini, orgni, 'bass guitar' u trumbetta. Kellna livell għoli ta' mużika u kant li gżur ħadd qatt ma ppretenda. Fuq l-armar tal-Kappella u s-Sala Vilhena ittieħed ħafna ħin. Jarmaw miegħi kien hemm l-Ispetturi R. Vella Gregory u J. Valletta, flimkien ma' PC 481 P. Zammit u PC 582 P. Bugeja. Dan ta' l-aħħar għamel blata u salib ġdid biex din is-sena żżanżnu għall-festa tas-Salib li għaliha hi ddedikata l-kappella tagħna.

Kellna ħafna għajnuna minn tliet parroċċi Maltin: dik ta' Attarċ, San Ġorġ, Qormi u Santa Tereża ta' B'Kara. Kellna għanuna wkoll mill-Ministeru ta' l-Agrikoltura li ġentilment offrewlna siġar u pjanti li sebbħu l-ambjent.

Jum il-Pulizija wasal u s-Sala Vilhena flimkien mal-Kappella kienu armati kif imiss. Minn kmieni fil-għodu s-Sala bdiet timtela' bin-nies. L-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca kkonċelebra l-quddiesa flimkien miegħu kien hemm il-Provinċjal Patri Franġisku Azzopardi u Patri Raniero Zammit. Għal din il-quddiesa kien hemm preżenti, il-President ta' Malta, it-Tabib Ċensu Tabone flimkien mas-Sinjura Tabone, l-Avukat Ugo Mifsud Bonnici, Ministru ta' l-Edukazzjoni u Intern, is-Sur Alfred Calleja, Kummissarju tal-Pulizija, flimkien mas-Sinjura tiegħu. Kien hemm preżenti wkoll uffiċjali għoljin u diversi mistednin oħra.

Ta' min jinnota dawn it-Tibdiliet li saru fil-Kappella f'dawn l-aħħar xhur.

1. Il-bnadar li kien hemm imdendlin mal-ħajt issa għamilnilhom fuq żewġ stands.
2. Għamilna l-istatwa tad-Duluri ġo wieħed mill-bibien tal-Kappella fejn 'il quddiem meta titkabbar il-kappella hemm il-ħsieb li jsirilha niċċa.
3. Għandna wkoll 'Via Sagra' antika li bi ħsiebna nirrestawrawha.
4. Għandna fi ħsiebna nagħmlu żewġt anġli li nistgħu nużawhom għall-okkażjonijiet li jkollna bżonn.

Fl-aħħarnett nixtieq nirringrazzja lil kull min b'xi mod għen fl-attivitajiet kollha li saru biex b'hekk kollox seta' kien suċċess.



# Ir-Rokna tal-Kappillan



Maħbubin Ħuti fil-Korp tal-Pulizija!
Egħżiż Qarrejja ta' "Il-Pulizija"!

**Insellmilkom**

Il-Kummissarju, u min jiġhu ħsieb din ir-Rivista tagħna, talbuni ġentilment biex nibda nikteb kelmtejn f'kull ħarġa. Nilqa' bil-qalb din l-istedina għax **"Jiena nħobb nitkellem magħkom"**. Minn din ir-**"ROKNA TAL-KAPPILLAN"** nagħmel ħilti biex issir xi ħaġa tajba, bl-għajnuna ta' Alla, għal kulħadd. Ir-Rivista tagħna "Il-Pulizija" qiegħdha kulma tmur tikber fil-popolarità tagħha, issir dejjem iżjed interessanti u tgħaqqad flimkien il-Membri kollha tal-Korp, irġiel u nisa, anzjani u żgħażagħ, uffiċjali u oħrajn. Jalla din ir-"Rokna", li nittama tkun ta' ġid u pjaċir għall-qarrejja, tilħaq l-għan tagħha, kif imfisser wisq tajjeb fil-motto tal-Korp: **"DOMINE DIRIGE NOS — MULEJ MEXXINA"**. Tabilħaqq, jekk ma jkunx Hu li jmexxina f'kollox: fil-qadi ta' dmirijietna, fil-familja, fis-soċjetà, ecc., waħedna ma nagħmlu xejn. Ilkoll neħtieġu l-għajnuna bla heda tiegħu. Dan iseħħ biss jekk nibqgħu magħqudin miegħu. Imbegħdin minnu, nitfarrku!

**IL-PARATA U L-PAPRATA**

Nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Lulju 1991, inżamm "Jum il-Pulizija". Dwar il-programm sħiħ minn filgħodu sa filgħaxija kiteb ħaddieħor f'dil ħarġa. Li rrid nitkellem fuqu jien hu dan: Kont bilqiegħda fil-Pjazza tal-Palazz mal-Provinċjal tiegħu u ma' Uffiċjali oħra, naraw il-Parata. Wara d-Defile' sabiħ, minn kull taqsima tal-Pulizija u t-tagħmir tagħhom li kulħadd beda jfaħħar, beda s-"Silent Drill" li ġibed l-ammirazzjoni ta' kulħadd. Kien tassew stupend f'kull mossa ta' l-eżekuzzjoni tiegħu. Ħaqqhom kull tifħir dawk kollha li ħadu sehem u min ħarriġhom u mexxihom. Kemm għandu għax ikun kburi pajjiżna meta jkollu affarijiet li jimmiraw għat-tajjeb u l-effiċjenza. Aħna, sfortunatament, l-għaxqa tagħna ngorru u nsemmu biss xi nuqqasijiet. Ma nafux naraw u napprezzaw it-tajjeb u s-sabiħ ukoll, imqar f'kulmin mhux forsi dejjem huwa perfett. U, wara kollox, min hu perfett f'kollox fid-dinja? L-aqwa hija r-rieda tajba! U jien ċert li fil-Korp teżisti ħafna rieda tajba. Insaħħuha! Ngħinu lil xulxin biex il-Pulizija ta' Malta tissokta tikber fl-effiċjenza. Kull wieħed minna jrid jagħti sehmu!

Iżda waqt il-Parata kien hemm ukoll Paprata. U hawn nistqarr ħtijieti! Waqt is-"Silent Drill", ismu miegħu, suppost li jkun hemm skiet perfett. Imma jien, jew għax tant entużjażmajt ruħi bil-perfezzjoni kbira li kont qed nara, jew għax kont aljenat, infexxejt inċapċap. U miegħi ngħaqdu l-biċċa l-kbira tan-nies li kien hemm imdawrin mal-Pjazza. Stajna fixkilnihom. Niskuża ruħi. Insomma, Paprata tal-Kappillan!

**L-ALBANIŻI F'MALTA**

"Meta ħlisna mill-għarqa, sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta. In-nies tagħha ġiebu ruħhom magħna bi ħlewwa li ma bħalha. Laqgħuna tajjeb lilna lkoll u qabbdulna ħuġġieġa, għax kienet bdiet nieżla x-xita u kien il-bard... Tawna wkoll minn kull xorta ta' ġid, meta ġejna biex nitilqu, għabbew fuq il-ġifen kull ma konna neħtieġu".

Dawn il-versi ta' hawn fuq ma ġewx miktubin f'xi ġurnal lokali dwar ir-refuġjati Albaniżi li ġew Malta maħrubin minn pajjiżhom f'Awissu li għadda. Huma, iżda, meħudin mill-Kotba Mqaddsa (il-Bibbja) mill-Atti ta' l-Appostli, Kap. 28, 1-10. Intqalu dwar kif ġew milqugħin missierna San Pawl u sħabu fin-nawfraġju tagħhom fuq gżiritna madwar is-sena 60 wara Kristu, minn missirijietna.

Aħna, l-Maltin tal-lum, nistgħu b'wiċċna minn quddiem, għall-grazzja t'Alla, ngħidu li ma għamilnilhomx għajb. Did-darba wkoll lil dawn l-imsejkna nies, imġewhin, b'nofs ħwejjeġ jew kważi xejn, mifnijin bi vjaġġ fuq żewġ vapuri antiki u msadda, neqsin minn kollox, taħt il-qilla tas-sħana ta' Awissu, ilqajnihom mill-aħjar li stajna minkejja ċ-ċokon u r-riżorsi limitati tagħna, tmajnihom, libbisnihom u "għabbejna l-ġifen b'kull xorta ta' ġid u kulma kienu jeħtieġu" qabel ħallew xtutna. Minkejja n-nuqqasijiet tagħna bħala poplu, għarafna ngħinu lil min hu inqas ixxurtjat minna; għamilna kulma stajna biex intaffulhom it-tbatijiet tagħhom. Tajna xhieda ħajja ta' l-imħabba t'Alla li żera f'qalbna missierna San Pawl, li għal darb'oħra jista' jerġa' jinkiteb dwarna dak li nkiteb fil-Kotba Mqaddsa madwar 2000 sena ilu!

**IMXEJNA TA' INSARA! ĦRIĠNA TA' RĠIEL!**

Hawn nitkellem biss dwar is-sehem li kellhom il-Pulizija. Kulħadd rahom fuq it-T.V. u fuq il-ġurnali jagħtu l-għajnuna sewja u bla heda tagħhom. Uħud minnhom ma raqdux siegħa matul l-iljieli u l-jiem li l-Albaniżi damu fostna. Malta kollha rathom lill-Pulizija Maltin, f'dik is-sħana kollha, lebsin l-uniformi, jagħmlu kulma d-dmir talab minnhom għall-ġid ta' dawk l-imsejkna, speċjalment it-tfal. Għal darb'oħra, il-Korp ta xhieda, jekk qatt kien hemm bżonn, ta' kemm hu lest li jqum għall-okkażjoni kulmeta meħtieġa l-għajnuna. ĦRIĠNA TA' RĠIEL! L-istess kif għamel il-Korp f'okkażjonijiet oħra: Iż-żjara tal-Papa fostna f'Mejju tas-sena l-oħra; il-laqgħa bejn Bush u Gorbachev f'Malta; iż-żjarat statali mill-President ta' l-Indja u tal-Ġermanja Federali, ecc. Dawn kollha ġew u għaddew b'wiċċ il-ġid u bis-sodisfazzjon ta' kulħadd. Kellu raġun Mr. Par Stenbach, is-Segretarju Ġenerali tal-"Leage of Red Cross and Red Crescent Societies" jistqarr li "ir-refuġjati Albaniżi, speċjalment it-tfal, kienu trattati u ikkurati b'mod ferm aqwa minn dawk li rritornaw minn pajjiżi oħra"!

**RAJTHOM B'GĦAJNEJJA**

Il-Ġimgħa ta' qabel ma telqu lura, inzertajt id-Depot fl-Uffiċċju tiegħi. L-Albaniżi kienu hemm. Kien għal ħabta ta' nofsinhar. Mort nagħmlilhom żjara waqt li kienu miġburin fil-Mess għall-ikel. Uħud kienu lesti, ipejpu sigarret, jixorbu l-cold drinks, juices u affarijiet oħra li ġew mogħtijin, b'sens ta' sodisfazzjon fuq wiċċhom. Oħrajn kienu għadhom qed jieklu mill-containers kbar mimlijin ross il-forn, sandwiches, eċċ. Żgur li ikla bħal dik li ġiet provduta lilhom mill-Pulizija kienu ilhom is-snin twal ma jarawha, jekk qatt rawha f'ħajjithom, wara 40 sena ta' miżerja, faqar, ġuħ, għera, dwejjaq u nkwiet li ġiebhom fiha l-Komuniżmu Ateu (bla Alla). Madankollu, anqas ilħaqt dħalt fil-Mess, liebes iċ-ċoqqa, li mill-ewwel ittendew li "dan li mar iżurhom kien Padre, kif malajr sejħuli. Qishom b'molla, kollha ħallew l-ikel, ix-xorb jew is-sigarretti u qmu jsellmuli. Daru miegħi u talbuni noqgħod bilqiegħda magħhom, kif fil-fatt għamilt. bdejt nipprova nitkellem magħhom bil-ftit Taljan, jew Ingliż imkisser, li kienu jafu. Imma f'sitwazzjonijiet bħal dawn il-qalb titkellem iżjed mill-fomm. U b'xi mod je wieħor, ftit jew wisq, ftehmna xi ħaġa. Staqsejthom jekk iridux jaraw il-Kappella ħelwa tagħna fid-Depot. Kollha qalu iva mill-ewwel. Tlabt permess mingħand il-Kummissarju, li kien ilu jiem sħaħ jikkordina l-Membri tal-Korp kollu, flimkien ma' uffiċjali għolja oħra, biex kollox imur sew. Mhux biss tahom permess li jżuru l-Kappella tagħna, imma qalli wkoll biex nistaqsihom jekk kellhomx bżonn xi ħaġa oħra.

Morna l-Kappella, sejjaħt lil tnejn minnhom li kienu qed jagħmluha bħal interpreti u staqsejthom jekk iridu jgħixu xi talba spontanja. Qamu xi erba' minnhom u talbu fl-ilsien Albaniż. Kulma fhimt kien biss l-aħħar kelma: AMEN. Spjegajtilhom xi tfisser għalina l-Kappella, il-post fejn niltaqgħu biex nitolbu. Urejthom it-Tabernaklu u fissirtilhom x'nemmnu li hemm fih. Kollha qagħdu ssummati jisimgħu bil-ħerqa. Għalihom, wara snin twil fejn ir-Reliġjon kienet inżammet maħnuqa, il-knejjes maħtutin jew magħluqin, is-saċerdoti mitfugħin il-ħabs, kienet duwa tal-morda jaraw il-libertà ssaltan u jduqu ftit ħlewwa li r-reliġjon biss taf tagħti. Rajt uħud minnhom, bid-dmugħ f'għajnejhom, iroddu s-salib kif irodduh l-ortodossi Griegi. Uħud minnhom qaluli huma Kattoliċi, imma ma jafu xejn fuq ir-reliġjon. Ma tagħtihomx tort. Farraġthom mill-aħjar li stajt u għedtilhom li se nitlob ħafna għalihom. Ċert li l-Mulej jieqaf magħhom.

### SODOD, IMTIERAĦ U ĦWEJJEĠ

Mill-ġdid barra mill-Kappella rajt Pulizija u tal-S.A.G. jġorru u jqandlu sodod, imteraħ u ħwejjeġ għar-refuġjati, spapen u toilet-paper u qomos u jeans u kulma kienu jinħtieġu. Xena u xhieda mill-aqwa li dak li jgħidu fuqna l-Atti ta' l-Appostli għadu jiswa u jgħodd sal-lum ukoll!

### L-UFFIĊĊJU TAL-KAPPILLAN

Minn xi xahar 'l hawn, il-Kummissarju ordna li l-Kappillan tal-Korp ikollu wkoll l-Uffiċċju tiegħu fid-Depot. Dan sar minnufih u jinsab mal-ġenb tas-Sala Vilhena, qabel ma titla' t-taraġ għal fuq. Kienet ħaġa sewwa u xierqa u ta' min ifaħħarha. Il-Membri kollha tal-Korp issa jistgħu jiltaqgħu mal-Kappillan kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa mill-11 a.m. sa nofsinhar. Jista' jiġi kulmin irid, inkun hemm għad-dispożizzjoni tal-Pulizija kollha, biex ikellmuni, iqerru u mqar jekk biss biex jieħdu parir. Nieħu gost niltaqa' u nitkellem magħkom!

# Ir-Rokna tal-Kappillan

## Innu tal-Pulizija

B'ħarsitna 'l quddiem kollha tama
fil-paċi 'l pajjiżna rriduh;
is-sliem mal-ġustizzja l-għan tagħna,
u dan aħna lesti nilħquh.

Ħidmietu fl-imħabba titwettaq
għax dak li jmexxina, il-Mulej.
Għal Malta f'fiduċja nissarrfu
bħal bieraħ illum, u li ġej.

Fil-Korp il-Maltin għandhom tarka
biex igħixu fir-riżq u fil-barka.

**Kliem: Alfred Massa**
**Mużika: Alberto Borg O.S.A.**

## Servizz mill-Kappillan tal-Pulizija

Il-Kappillan tal-Pulizija, Patri Raniero Zammit O.F.M. Cap. ser ikun għad-dispożizzjoni tal-Membri tal-Korp sabiex jagħti pariri lil kull min ikun jixtieq.

Għal dan il-għan Patri Raniero se jkun id-Depot tal-Pulizija fil-ġranet u ħinijiet li jidhru hawn taħt:

Nhar ta' Tlieta bejn il-11.00 a.m. u nofsinhar.

Nhar ta' Ġimgħa bejn il-11.00 a.m. u nofsinhar.

Dawn l-arranġamenti qed isiru bl-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija.

# Kelmtejn mill-President

Bla ebda dubju ta' xejn dan il-magażin ħa xejra wisq aħjar u wieħed għandu tassew iħossu kburi li jkollu x-xorti li jippubblikawlu fih l-opinjoni tiegħu.

Aħna nafu li dan il-magażin qed jinqara minn bosta pensjonanti sħabna iżda 'l ftit huma li jikkoperaw mal-Għaqda fis-sens li m'humiex jagħtu ftit milli jafu. Biex inqanqlu ftit ta' l-interess nistiednu lil dawk il-pensjonanti li jixtiequ jaraw isimhom jidher fil-BIRTHDAY LIST li se tibda tiġi ppubblikata regolarment biex jiktbu lis-Segretarju Onorarju, Malta Police Library, P.H.Q., Floriana, dejjem xahrejn qabel il-jum li wieħed jagħlaq sninu.

### DONAZZJONIJIET

F'laqgħa tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 1991 ġie deċiż li jsir sforz mill-membri tal-Għaqda biex jinġabru fondi biżżejjed biex iservu ta' għajnuna lil dawk il-membri pensjonanti li l-aktar jiġu bżonn. Riżultat pożittiv kienet id-donazzjoni sabiħa tas-somma ta' mitt lira (Lm100) mil-Life President Onor., is-Sur Carmelo Bugeja, ta' l-ALLWOODS & STEEL CO. LTD., li għaddiehа lili bħala President nhar il-Ġimgħa 12 ta' Lulju, preċiżament fil-ġimgħa taċ-ċelebrazzjonijiet ta' l-avveniment annwali tal-"POLICE WEEK".

Is-Sur Bugeja faħħar l-isforz li qed isir mill-Kunsill tal-Għaqda u żied igħid li xtaq irodd ħajr għall-ħidma fejjieda tal-Life President Onor. l-ieħor, is-Sur Lorry Muscat, kif ukoll tiegħi stess. Ma għandnix xi ngħidu dan huwa pass 'il quddiem u qed nittamaw li xi ħaddieħor jimita lis-Sur Bugeja biex b'hekk nkunu nistgħu nduru anke b'dawk il-pensjonanti morda billi kultant żmien inkunu nistgħu nixtrulhom xi ħaġa meta nżuruhom. Kull min jixtieq jagħti xi donazzjoni, kemm f'Malta kif ukoll minn barra x-xtajtiet tagħna, għandu jindirizza l-ittra lil V.P. Zahra Teżorier Onor. jew lis-Segretarju Onor.

## Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti

### SOCIAL CLUB

Inħeġġu lill-Pulizija Pensjonanti sabiex jidħlu membri fl-Għaqda li għadha qed tistinka li jkollha "social club" tagħha jew flimkien mal-Korp tal-Pulizija. Iktar ma jikber in-numru tal-membri iktar ikollna leħen qawwi li jwassal ix-xewqa tagħna biex nilħqu dan l-iskop.

### KONDOLJANZI

Il-Kunsill tal-Għaqda m'ilux għadda mozzjoni ta' kondoljanzi għal mewt traġika ta' mart il-ħabrieki Assistent Onor. Segretarju, is-Sur J.B. Azzopardi, tas-Sinjura Francesca Azzopardi, li mietet fl-1 ta' April, 1991. Din il-mewt ħassdet lil kulħadd u l-Għaqda, waqt li offriet is-sogħba u s-simpatija tagħha, ħadet ħsieb li ssir quddiesa b'suffraġju għar-ruħu fl-Istitut ta' San Ġużepp, Santa Venera.

### LAQGHA ANNWALI ĠENERALI TAL-GHAQDA NAZZJONALI TALPENSJONANTI

Kemm il-President kif ukoll l-Assistent Segretarju attendew għal-laqgħa annwali ġenerali tal-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti, fuq stedina ta' l-istess Segretarju tal-Għaqda, nhar it-8 ta' Ġunju fl-Istitut Kattoliku. Jidher li kemm ilha mwaqqfa din l-Għaqda saru xi talbiet li ħafna minnhom ġew milqgħuha. Iżda jidher li għad fadal xi jsir sabiex il-pożizzjoni tal-Pensjonant tkun waħda aktar feliċi.

Insellmilkom.
A.J. Saliba

### IS-SUR ĠORĠ GRECH

F'isem il-Kunsill u l-Membri tal-Għaqda nifirħu lis-Sur Ġorġ Grech għal ħatra tiegħu ta' Deputat Kummissarju, u nawgurawlu suċċess fil-kariga ġdida tiegħu.

### IS-SUR ANTHONY MIFSUD TOMMASI, L.P. B. Educ

Lis-Sur Anthony Mifsud Tommasi ex-Deputat Kummissarju li għadu kemm irtira mis-servizz tal-Korp tal-Pulizija u nħatar Kap Kmandant ta' l-Akkademja tal-Pulizija, nawgurawlu AD MULTOS ANNOS.

# Nirrispondu

**Lehen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti**

**Inħossu sodisfazzjon li naraw ex-membri jieħdu l-interess f'dak li nippubblikaw fil-magazine 'Il-Pulizija'. Madankollu kemm ex-membri u kemm mhux l-ewwel darba li jfaħħru l-ħidma tagħna. Ħafna nies meta jiltaqgħu magħna jkollhom ħafna tifħir għalina. Osservajna li ħafna minnhom iħobbu l-intervisti li jsiru lill-anzjani; oħrajn jieħdu interess fir-ritratti tal-mejtin li nippubblikaw, hemm nies li joġgħbuhom l-episodji 'Minn ġrajjiet il-Pulizija'; oħrajn jaqraw fuq dak li jirrigwarda l-'Mutual Help Association' (tal-mejtin).**

Dan huwa ta' sodisfazzjon għalina li qed inqajmu ċertu nteress fost l-ex-membri għall-ħidma li qed tagħmel l-Għaqda tagħna.

Minn naħa tagħna qegħdin nagħmlu sagrifiċċji biex il-paġni li għandna għad-dispożizzjoni fil-magazine 'Il-Pulizija', iservu biex nikkuntentaw lil kulħadd. Barra minn dan, fl-opinjoni tagħna qegħdin inkunu ta' nkoraġġiment għal ħafna ex-membri biex inġagħluhom iħossu li huma għadhom jagħmlu parti mis-soċjetà, u b'hekk fl-istess ħin qed jintlaħaq wieħed mill-iskopijiet li l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti kienet ġiet iffurmata.

Irċevejna ittra mingħand l-ex-PC 580 C. Ghigo. Ħadna pjaċir ħafna li apprezza x-xogħol tagħna rigward l-intervisti li nippubblikaw f'kull ħarġa tal-magazine 'Il-Pulizija'.

Fl-ittra tiegħu huwa semma ex-membri li jixtiequ li jiġu ntervistati u xtaq li anke li nippubblikaw isimhom, iżda jiddispjaċina li għar-raġunijiet personali dan ma nistgħux nagħmluh. Aħna nwiegħduh li nagħmlu li nistgħu biex nonoraw is-suġġerimenti tiegħu. Iżda wieħed irid igħid li m'hijiex daqshekk faċli li ssib ex-membri li jiġu ntervistati. Ngħidu wkoll li min-naħa tagħna għamilna diversi appelli lill-anzjani biex dawk li jixtiequ jiġu ntervistati għandhom jikkuntatjawna, iżda jiddispjaċina ngħidu li l-ebda ex-membru ma qatt avviċinana jew ikkuntatjana biex jiġi ntervistat. Mhux l-ewwel darba li avviċinawna ex-membri u dawn irrifjutaw. Dawk kollha intervistati kienu biss fil-memorja tagħna u mhux għax ġejna avviċinati la mill-ex-membri personalment la mill-familjari u anqas mill-ħbieb ex-membri tagħhom.

Aħna naċċertaw lil sieħibna Carmel li tnejn mis-sinjuri li semma fl-ittra tiegħu ilhom żmien f'moħħna, iżda qatt ma kellna opportunità li nav-viċinawhom, iżda la darba ssemmew aħna nagħmlu ħilitna li meta jkun iż-żmien opportun, nintervistaw-hom, għalkemm wieħed minnhom għadu ftit kmieni biex jiġi ntervistat.

Rigward l-oħrajn għandha tittieħed in konsiderazzjoni mill-Board l-età tagħhom.

Ma stajniex nifhmu x'ried igħid fil-bidu ta' l-ittra ta' ex-PC Ghigo meta qal: 'għamiltu xi ħaġa tajba ħafna' u aktar l-isfel, kompla: 'Però issa jkun tajjeb ukoll ġa la darba bdejtu, issa jmiss tkomplu tfittxu nies oħra'.

Għall-ewwel kliem nixtiequ niġbdu l-attenzjoni ta' ex-PC Ghigo, illi fl-opinjoni tagħna dawk l-affarijiet tajba ħafna ilna nagħmluhom sa mill-ewwel ħarġiet tal-magazine 'Il-Pulizija'.

Tant hu hekk li l-ewwel speċi ta' ntervista kienet saret f'Novembru 1977, mas-Sur Albert Sanges, li kien daħal fil-pulizija fi żmien Bamford, u meta saritlu intervista mill-ex Spettur Alfred Debattista, huwa kellu 77 sena.

Rigward il-kliem l-ieħor fl-opinjoni tagħna ġġustifikajnih aktar 'il fuq. Nappellaw lil ex-membri kollha li l-ittri, suġġerimenti u dak kollu konness ma' l-ex membri tal-Korp, għandu jiġi ndirizzat lil:

Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana.

## Mutual Help Association

**Għeżież Membri,**

**Nixtieq ninfurmakom li bħala konsegwenza lil-kontribuzzjonijiet għall-'Malta Police Mutual Help Association' (tal-mejtin) bdew isiru għal sena sħiħa, ma għadx hemm dik il-ħtieġa li t-talba għall-kontribuzzjoni tiġi ċċirkulata kull erba' xhur. Din iċ-ċirkulari minn din is-sena 'l quddiem tibda tiġi mqassma kull sitt xhur.**

**Għandi l-pjaċir ngħid li l-maġġoranza tal-membri aċċettaw dan l-arranġament il-ġdid, iżda għad baqa' xi membri li għadhom ma ħallsux il-kontribuzzjoni. Jiena nappella biex mill-aktar fis il-membri jirregolarizzaw ruħhom ma' dan l-arranġament. Jekk iħossu li ma jixtiequx li jkomplu jikkontribwixxu għandhom jagħmlu dan malajr kemm jista' jkun biex jien inkun nista' nħassarhom minn fuq ir-reġistri ta' l-Assoċjazzjoni.**

**Niġbed l-attenzjoni ta' l-ex membri kollha li jekk il-kontribuzzjoni ma tibiex titħallas sa l-ewwel xahar tas-sena, il-familjari tagħhom jistgħu jitilfu kull dritt għall-benefiċċju kif stabbilit mill-Assoċjazzjoni.**

**Għas-sodisfazzjon tal-membri din is-sena diġà ġew imħallsa madwar 18-il-każ, għalkemm għad fadal xi ftit każijiet pendenti.**

**Rapport dettaljat jiġi ppubblikat fl-aħħar xahar ta' kull sena. Inselli għalikom,**

**Victor Zerafa,**

**Uffiċjali inkarigat mill-M.H. Ass.**

# Intervista ma' l-ex Kuntistabbli Emanuel Polidano

Kitba ta' A.J. Saliba

Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti

**Fil-bidu ta' Ġunju, 1991, preċiżament fir-raba' jum tiegħu, il-President Anthony J. Saliba akkumpanjat mit-Teżorier tal-Għaqda Vincent Zahra, marru jżuru lill-ex-Kuntistabbli 420 Emanuel Polidano fid-dar tiegħgu ġewwa Santa Venera. Polidano jagħlaq it-80 snea fit-30 ta' Diċembru li ġej. L-intervista damet 'il fuq minn siegħa u saret fil-preżenza tal-mara tiegħu Anne.**

Emanuel Polidano, mill-Furjana, ġiet mistoqsi meta kien li daħal fil-Korp tal-Pulizija u qalilna hekk:

Jiena dħalt fil-Korp fl-1936 bħala Riservista bin-numru 27 meta kienu applikaw fuq l-elf ruħ u żammew 27 biss. Iżda ftit wara bdew jibagħtu għall-oħrajn. Għamilt it-training tiegħi ta' rekruta ġewwa l-Belt Valletta u kien jikkonsisti fi skola u "physical training" kif ukoll kienu jtuna nfetqu l-ħaxixa tas-saqqijiet għax dak iż-żmien konna aħna stess li nippreparawhom. Wara sena tawni n-numru 420 li bqajt bih sakemm spiċċajt mill-Korp fl-1969. Wara t-training sibt ruħi għassa ma' priġunier għal xahrejn sħaħ fl-Isptar Ċentrali, il-Furjana. Imbagħad missni għassa l-Palazz tal-Gvernatur f'San Anton u Ħal Lija. Meta ma kienx hemm xogħol biżżejjed fil-Pulizija kienu bagħtuna 'l barra iżda wara xi xahrejn kien rani l-Kummissarju Galea waqt li kien ħiereġ mill-Qorti, sejjaħli u qalli biex nirrapporta d-Depot. Bagħtuni għassa mal-bċejjeċ tal-baħar



Spanjoli li kienu jidħlu l-Marsa b'ordni speċifika li ma jinżel ħadd billi l-crew kienu nies ta' fehma Komunista li kienu qed jiġġieldu gwerra ċivili f'pajjiżhom. Proviżjon ta' l-ikel kien jieħu ħsieb ix-ship chandler. Matul il-gwerra kont stazzjonat id-Dwana (Water Police).

Domanda: Manwel, tiftakar xi episodju li ma kienx tas-soltu matul ix-xhur tal-gwerra?

Risposta: Niftakar li darba kien daħal bastiment u tawna ordni biex ħadd ma jitla fuqu u lanqas jinżel. Però seta' jitla' biss fuqu l-"S.T.O.", is-Senior Transport Officer. Infatti lanqas ilma ma tawh ħlief permezz tal-manek. Il-bastiment salpa l-għada fil-għodu. Is-Supretendent ta' dak iż-żmien l-għada bagħat għalija u wara li tajtu l-"All correct, Sir", qalli: "Le mhux all correct", u fl-istess ħin urieni t-Times of Malta u kompla igħidli: "Ħa, araha, int taf taqra." U fl-ewwel faċċata, b'tipi kbar qrajt: "GERMAN GENERAL IN BRITISH UNIFORM". Wara li assigurajtu li mill-iskala ħadt ma kien tela' jew niżel ħlief l-Ingliż l-S.T.O.: qalli li kien se jaraha hu x'kienet allura. Sirt naf li mar hu personali fi Club tal-Pilots li kien hemm fi Triq Zakkarija, il-Belt, fejn iltaqa' ma' Kaptan Malti li wegħdu li jitkixxef min kien li svela dik l-informazzjoni. L-għada mort l-Għassa tax-Xatt u meta staqsejt lis-Supretendent x'kien sar mill-S.T.O. qalli li kienu bagħtuh l-Ingilterra matul il-lejl li għadda għax kien hu li mar iparla li abbord dak il-vapur kien ra ġeneral Ġermaniż liebes bl-uniformi Ingliża!

Domanda: Tiftakar xi ġrajjiet oħra li għaddejt minnhom matul il-gwerra?

Risposta: Naf li ħadt parti sew fil-kura ta' nies midruba li ttellgħu mill-baħar wara li frejgata Ingliża kienet laqtet 'mine' fejn il-'breakwater' u nqasmet fi tnejn. Bdejna npoġġu l-midruba anke fil-fabbrika ta' Wills tas-Sigaretti.

Polidano wara kellu inċident u kien weġġa' saqajh u talab biex

## Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti

jagħmel għassa f'Marsamxett fejn kien hemm Għassa tal-Pulizija u anke Uffiċċju tad-Dwana. Dan kien viċin il-pont tal-laneċ li kienu jaqsmu għal Tas-Sliema. Wara li dam xi sentejn hemmhekk, fejn anke sab ruħu jagħmel għassa waħdu (erba' sigħat fl-Għassa u erba' sigħat il-Qorti) Polidano ntagħżel biex jagħmel għassa fil-Lock Up tad-Depot ġewwa l-Belt fejn in-"Knightshall". Kellu miegħu lis-Surġent Briffa. Minn hemm sab ruu d-Depot tal-Pulizija tal-Furjana meta l-'Lock Up' tal-Belt ġie magħluq. Billi l-'Lock Up' kien jifforma parti mis-C.I.D. jiftakar sew l-Uffiċjali li kienu jmexxu dak id-Dipartiment, bħas-Supretendent Louis Micallef u l-Ispetturi A. Mifsud Tommasi, R. Rizzo Bamber, Felix Testa, Anthony Saliba, Joseph Gauci, Joseph Borg u anke lill-Kummissarju preżenti s-Sur Alfred Calleja.

Domanda: Manwel x'ġagħlek tirtira mill-Korp?

Risposta: Kien il-fatt li domt ħafna żmien inħabbat wiċċi ma' priġunieri u billi ma xtaqtx li mmur stazzjonat band'oħra tlabt li nispiċċa minn hemm u fil-fatt ħriġt bil-pensjoni wara 33 sena servizz fl-età ta' 57 sena.

Mistoqsi jekk baqax jaħdem wara li kien spiċċa mill-Pulizija, Manwel Polidano qalilna li kien sab xogħol ta' Caretaker fin-National Bank of Malta (il-lum Bank of Valletta) li jinsab fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, fejn dam għal xi ftit snin oħra.

Is-Sinjur u s-Sinjura Polidano huma l-ġenituri ta' mhux inqas minn għaxar ulied, jiġifieri, Joseph li jinsab l-Awstralja, ġewwa New South Wales, u jaħdem bħala Computer Manager u għandu tlett itfal; Albert — Pensjonant tal-Pulizija ta' 27 sena servizz, Vincent, Tony, Frankie, Doris, Michael, Carmel — Kuntistabbli stazzjonat San Ġiljan, Dominic u Graziella.

Wara li nroddu ħajr għal-laqgħa sabiħa li kellna mas-Sinjuri Polidano, wieħed ma jistax jagħlaq din l-intervista mingħajr ma jawguralhom dak kollu li tixtieq qalbhom.



**Michael Camilleri**
Ex-P.C. 51



**Francis Scerri**
Ex-P.C. 91



**Carmel Grech**
Ex-P.C. 792



**John Buttigieg**
Ex-P.C. 806



**Emanuel Xuereb**
Ex-P.C. 359



**Carmel Schembri**
Ex-P.C. 47



**Anthony Buttigieg**
Ex-P.C. 345



**Carmel Zarb**
Ex-P.S. 998

# Meeting colleagues abroad

**By Insp. S. Bugeja**



At school I was taught that the best way of learning is by going abroad and meeting people. Since that time a couple of years have passed and during these years I had several opportunities to practise this theory. While abroad, being a policeman, I always make it a point to meet colleagues and upon a drink we discuss our job. There might be those who disagree about this, saying that while on holiday one should forget anything related to work. On the contrary I always find such contacts most interesting, extremely useful and beneficial. As a result of these meetings, on returning to work, I am always in a position to express new ideas. I am pleased to say that most of the suggestions put forward are considered and a good percentage approved. During my last visit to Italy, being the officer i/c of the mobile squad I made arrangements to meet my colleagues of the '113' Squadra Mobile at Catania and Naples, two very busy cities.

At the questura of Catania I was met by the officer i/c of the squadra mobile Vici Questore Agg. Dr. Girolamo Di Fazio who took me around the questura showing me the operations room and other sections of the department. During an hour cordial talk with Dr. Di Fazio at his office, different police subjects of interest were discussed, these included the working shift — personnel on duty — type of units used — distribution of men and road surveillance.

The shift used at present is:

First day — 7 a.m. to 1 p.m. and from 12 mid-night to 7 a.m. Second day: rest. Third day: off duty. Fourth day: 7 p.m. to 12 mid-night. Fifth day: 1 p.m. to 7 p.m.

As it can be seen this shift max. hours on duty are 7 hours and minimum 5 hours.

In such a relatively short time it was realised that common problems existed. A common average mentality also prevails, this being obvious due to the short distance which separate the two countries and a common culture being offered through the media. Whilst being taken around I was impressed by the very young policewomen and the work they performed conjointly with the men, w/o any distinction whatsoever.

The morning ended up with exchange of small police gifts upon a traditional glass of lemon granita and a briochi. During this visit to the questura I was accompanied by an I.P.A. friend of mine Vigile Paola Ferrazzo.

At Naples the system of work is more or less the same as that of Catania, with the difference that more units are used due the nature of the metropoli. The squadra mobile here makes also use of a considerable number of units in uniform and plain clothes on motorcycles, apart from the Alfa Romeo cars, and the reason for this is quickly understood. On the road there are as many motorcyclists as there are car drivers, and this because motorcycles of certain C.C. can be driven w/o number plates, road license and driving license. Frequently motorcycles are used after a crime is committed, this to make the escape easier, through the traffic. Driving in the major streets of Naples, in the centre, is extremely difficult, dangerous and great skill is need to go through the jungle of vehicle. Most of the surveillance of these streets is done through monitors at the sala operativa. Policemen in plain clothes using motorcycles are so unrecognisable, that had they not been indicated to me while on patrol, I would have taken them to form part of the under world. In the city, the police are faced with numerous problems and there are certain areas which are classified as extremely dangerous.

At Naples I was taken around by Marc allo Ugo Esposito and ex colleague Cav. Ciro Ripa.

Photograph above was taken outside the questura of Catania in the company of colleagues of the 113 and Dr. Di Fazio, fourth from left.


Insure today -
be sure tomorrow
GA
General Accident
GA
General Accident
A leading european insurance company
Gasan Insurance
Agency Ltd
20, Republic Street, Valletta Tel: 225343 Fax: 230585

# Aspetti tax-Xjenza Forensika

Minn
Christopher C. Farrugia

**Sensiela ta' artikli oriġinali biex nifhmu aħjar ix-xjenza forensika fl-aspetti differenti tagħha. F'dan it-tielet servizz sejjer nagħti daqqa t'għajn lejn...**

# Ix-Xena tad-Delitt
## (Scene of Crime)

Meta wieħed imur fuq ix-xena tad-delitt jara nies hemmhekk — il-Maġistrat, Uffiċjali tal-Pulizija (CID, Distrett), u Scene of Crime Officers li jinkludu fotografi, cameraman u ta' l-Impronti diġitali. Ikun hemm ukoll il-perit tal-Qorti, ix-xjenzat u l-patologu. Xi drabi jidħlu wkoll il-membri ta' l-Iskwadra tal-klieb.

**Għalhekk, ix-xena tar-reat huwa post dinamiku ħafna. Fih innifsu u minħabba s-sura tar-reat mwettaq, il-post jiġbed in-nies bħal kalamita. Minħabba f'hekk għandhom jittieħdu dawk il-prekawzzjonijiet meħtieġa biex il-post ma jitnġġiż. F'dan il-kuntest kemm il-Maġistrat kif ukoll ix-xjenzat forensiku għandhom dmirijiet importanti xi jwettqu.**

L-ewwel ħaġa li wieħed jagħmel huwa li tingħalaq l-area konċ ernata *(cordoning)*. Ħadd ma għandu jaqbeż din l-area hekk ma jkunx xi persuna awtorizzata mill-Maġistrat. **Aktar ma jitħallew jidħlu nies, aktar hemm ċans li l-evidenza ma tinstabx, tintilef, u/jew titħassar.**

### KUNSIDERAZZJONIJIET

**F'każ ta' xi qtil, is-surġent jew kuntistabbli li jkun għassa madwar il-mejjet, m'għandu jħalli lil ħadd jersaq lejn il-vittma. Għal ebda raġuni hu m'għandux joqgħod jitlajja madwar il-mejjet, ipejjep u/jew jagħmel xi tfittxija, sakemm jiġi t-tabib u l-uffiċjali tat-Taqsima Forensika. Xogħolu huwa li jiddentifika passaġġ biex jasal għand il-vittma mingħajr ma jħassar l-evidenza li jista' jkun hemm. Dan il-passaġġ għandu preferibilment jimmarkah b'xi biċċa spaga, jew inkella juri lil min jiġi warajh bl-arranġamenti li jkun għamel.**

Min-naħa l-oħra l-uffiċjali tat-Taqsima Forensika għandhom jaslu fuq il-post malajr kemm jista' jkun.

Meta wieħed jasal fuq ix-xena tar-reat għandu jilbes l-ilbies protettiv (J-suits). Mhux kulħadd għandu jiffolla madwar il-vittma mejta. Wara li jkun daħal it-tabib li jċċertifika l-vittma, għandhom jidħlu b'ċertu ordni, dixxiplina u professjonalità, il-Membri tat-Taqsima Forensika, il-Maġistrat tal-Għassa, u l-perit maħtur mill-Qorti.

Ix-xjenzat imbagħad għandu jersaq lejn il-vittma minn passaġġ magħmul li ma' jinteferhiex ma' l-evidenza. Dan jista' jkun ta' problema f'post magħluq bħal dar aktar milli fuq barra minħabba l-ispazju ristrett. Huwa mportanti li jiġu stabbiliti l-postijiet ta' dħul u ħruġ, ta' l-assaltaturi.

F'każ ta' xi splużjoni (b'xi vittma u m'hux!) il-post għandu jiġi żgurat li m'hux perikoluż qabel ma jibda jsir ix-xogħol. Żgur ħadd ma jkun irid aktar vittmi wara dak li jkun seħħ.

### IL-PRESERVAZZJONI TA' L-EVIDENZA

Għandu jiġi meħud video, u r-ritratti neċessarji, flimkien ma' sketch biex juru l-punt ta' riferiment tal-post u mnejn ġew elevati l-esebiti. Għalhekk, fuq reat li seħħ fil-miftuħ per eżempju għandhom jittieħdu diversi qisien minn post ta' referenza. Din jista' jkun xi siġra, arblu tad-dawl eċċ.

Hekk jinstab xi kadavru dan jista' jkollu xi debris madwaru. Dan irid jiġi ppakkjat b'attenzjoni.

Għandhom jitniżżlu dawn in-noti:

i) **Id-direzzjoni tal-ġisem.**
ii) **Jittieħdu noti dwar il-kundizzjoni tal-ġisem u marki partikolari li jkun hemm fuqu.**
iii) **Jekk hemm tgħalliq għandhom jittieħdu tapings minn madwar l-għonq.**
iv) **L-idejn għandhom jiġu mgħottija b'boroż tal-karti.**
v) **Wara li jittieħdu tapings minn fuq il-ġisem kollu u tinġabar l-evidenza neċessarja, għandu jinqaleb il-ġisem fuq biċċa plastik.**
vi) **Jerġgħu jittieħdu t-tapings u n-noti neċessarji fuq din in-naħa li qabel kienet mgħottija.**
vii) **Il-kumplament tal-kadavru għandu jitgħatta bil-plastik biex jittieħed fil-kamra mortwarja għall-awtopsja.**

Għandha ssir tfittxija bir-reqqa ta' l-area partikolari. Jekk hemm demm li qagħdu ma nixifhiex, wieħed għandu jipprova jiġbru permezz ta' pipetta. Hekk hemm bżonn tintuża s-salina biex jinġabar id-demm fl-istat liqwidu. L-ilma f'dan il-każ ma jintużax. Jekk id-demm qiegħed fuq materja li tassorbi, allura d-demm għandu jinġabar permezz ta' swab. Imbagħad wara li tinxef, din għandha tiġi ppakkjata f'envelope porusa biex imbagħad tiġi eżaminata fil-laboratorju.

Il-preservazzjoni ma tieqafx hawn. L-esebiti, speċjalment dawk li jkunu fihom materjal ta' oriġini bioloġika (p.eż. demm, spermatozoa) għandhom jittieħdu f'post adegwat fejn il-kundizzjonijiet ambjentali huma kkontrollati. Hekk dan ma jseħħx l-evidenza meħuda tista' tiddegrada u tmur wara ftit ġimgħat.

### L-IPPAKKJAR TA' L-ESEBITI

Il-ħwejjeġ li jittieħdu minn fuq il-vittma għandhom jiġu ppakkjati wara li jkunu nixfu. Dawn għandhom jiġu meħuda wieħed wieħed u ppakkjati separatament.

Għalhekk, kull ħaġa miġbura, bħal ħġieġ, xahar u fibri, u dawk l-affarijiet kollha elevati minn fuq ix-xena tar-reat, għandhom jiġu ppakkjati sewwa. Dan isir billi għandhom.

i) **jiġu ppakkjati fil-kontenituri tagħhom;**
ii) **ikunu tikettati minn min ġabarhom;**
iii) **ikunu ffirmati;**
iv) **ikunu deskritti, bil-post minn fejn inġabru f'xi ħin, u l-każ x'kien;**
v) **ikunu numerati skond l-ordni.**
vi) **jitniżżel ukoll in-numru tal-każ.**

Hawn Malta titwaħħal tikketta fuq il-kontenitur ta' l-esebit. F'pajjiżi oħra t-tikketta titwaħħal ma' l-esebit nnifsu.

# Courage in Women

*(To our Women Police Officers these few lines are dedicated)*

**By ex-Supt. Joe M. Borg**

Courage is a widely misunderstood virtue. Too commonly it is associated with the type of personal bravery that may be termed pictorial, and is supposed to exist only in those who face great dangers with calmness and presence of mind. True courage, however, is something wider and greater. It consists as much in steadfastness as in coolness of mind.

Bravery may be present in him who is a coward by temperament. Face to face with an unexpected danger he may be strong, but in the larger battle of life he may lack all the essential qualities. Clear thinking on the subject is required. Who will say that the man who rescues his comrade under a rain of shell or dashes into the burning house to save the life of a child is braver than him who strives throughout life against enormous odds, sickness, want, ill-health and maintains his strength and cheerfulness? It is through an incomplete understanding of courage that woman has by man become considered as lacking in that virtue. History is largely of men. The work of women, their endurance, their silent sufferings, their fortitude have received but little notice in generations whose conception of courage was so sadly limited.

Do we really need examples to show how the work of women, as daughters, wives, and mothers, and, generally speaking, the minor duties on which they are largely employed, offer little scope for pictorial courage? We can even discuss at length whether the nature of woman does not make her braver under pain than a man. In my humble opinion one of the special types of courage peculiar to women could be the period of pregnancy with child delivery. But surely, women, in history, have left their mark in the world's progress. I can name some and show some occupations which typify their work. For instance, the missionary nun who leaves the comfort of her monastery to travel across dangerous terrain, jungles, amongst savages, to convert the heathen; the nurse whose noble vocation to cure sick people brings her in direct contact with contagious and infectious diseases: let me here mention "The Lady with the Lamp", Florence Nightingale, the English Nurse and Hospital Reformer. By introducing improved methods in nursing and sanitation in British Army Hospitals during the Crimean War, she won worldwide fame and praise.

There is also now the affectionate and admiring Mother Theresa whose untiring efforts in caring for the sick and the elderly, for abandoned children, despite her venerable age, has astounded the whole world. Then there is Valentina V. Tereshkova, the first woman Comonaut to journey into space in 1963, to be followed by others; those courageous Women U.S. Army Officers who saw service and were in the front line during the recent Gulf War; those daring women journalists who also figured in bringing to us headline news from the field of battle; and so many others.

The world is hasty in its judgments, and is apt to forget all but the superficial. Courage, however, exists outside the radius of the limelight of public appreciation. Bravery and presence of mind under difficulty are too often confused with courage, which does not necessarily come into the general view. It is an integral part of temperament, and women possess it at least no less than men. Indeed, they are perhaps gifted by nature with qualities which render true courage more possible in them than in the "stronger sex". An act of bravery may spring from a momentary impulse. A life of courage must have deeper roots, and patience in women are far more likely to produce the highest type of courage than the cool, calculating mind of the male. Each sex in its own manner is courageous, but who will say that the one is superior to the other? A wider understanding and clearer judgment will create a new conception of courage, and woman will then fill her true place amongst the benefactors of humanity.

# Pağna għan-Nisa

Minn WPS 21 J. Scerri

# A warm hello to all our readers

**It's me once again, writing in English instead of Maltese for a change! I hope you don't mind, why would you, after all English is one of Malta's official languages according to the Constitution. Enough is enough lets get on with our usual topic!**

**Today I am writing about Health and Fitness in general and Basic Food Groups.**



*"Beauty is inevitably dependent on good healthy eating".*

Every woman varies in her requirements of nutrients and energy, and these change during a lifetime, for instance while growing, when pregnant and breast feeding and in old age. If certain needs are not met this may lead to minor troubles, while greater deficiencies can lead to more serious illness. On the other hand excess of certain foods can also be harmful. The GOLDEN RULE is that *the greater variety of food you eat the more likely you are to get something of everything you need and not too much of anything.*

Of course, at times we think that consuming large quantities of one type of food or drink would bring a rapid improvement in the texture of the skin or hair. But a balanced diet is usually the solution.

Shining healthy hair, bright eyes and fine clear skin texture owe more to diet than to make-up. Physical health — strong bones, teeth and fingernails, clear skin and eyes — is the basis of true beauty. A, B and C vitamins and protein, from milk, eggs, fish, salads and citrus fruits contribute to shining hair and smooth healthy skin.

Vitamins A and B also encourage bright, healthy eyes.

Vitamins are only required in very small amounts. It's worth knowing that there are two groups — Fat soluble (A, D, E and K) and Water soluble (B group and C). The Fat soluble vitamins can be stored in the body, whereas Water soluble vitamins cannot and therefore have to be eaten regularly. A include offal (ex. kidneys, heart, liver, fish like plaice), green leafy vegetables, some dairy foods, orange and yellow fruits, tomatoes and carrots. Important in the B group are yeast extracts, cereals, some vegetables such as peas and potatoes and liver. C is found in citrus fruit, blackcurrants, potatoes, cabbage and other vegetables.

Vitamin D is produced by the action of sunlight on certain substances in the skin, so dietary needs are usually small except during pregnancy and breast feeding, or if someone has little exposure to the sun. Vitamins E and K are readily available in foods.

Protein is needed in every cell in our body. All anzymes and many hormones are made of protein, which is essential for the body's growth and repair and is required for building up antibodies to fight disease. Vitamin C is also necessary for health and is thought to be the body's natural protection against colds and other infections. It assists recovery from illness and increases the absorption of iron which is vital for blood functioning. A deficiency can lead to fatigue and anaemia. Foods rich in iron are liver, kidney, beef, eggs, cereals and green vegetables.

Here is a list of the Food Groups which combine to give a beauty-balanced diet. By diet I mean your daily intake of food not in the sense of loosing weight. Read it and create a diet for yourself that contains the essentials. Three meals a day — breakfast, one main meal and one light meal should be enough for a balanced diet.

## FRESH FRUIT AND VEGETABLES

Eat plenty of low-calorie vegetables like cabbage, cauliflower, french or runner beans, broccoli, spinach, brussels sprouts, salad ingredients like tomato, lettuce, celery,

radish and fresh fruit like apples, oranges, pears and grapes.

### HIGH FIBRE AND VEGETABLE PROTEIN FOODS

This group includes wholemeal bread, brown rice and pasta, wholegrain breakfast cereals, baked beans, peas, broad beans, sweetcorn and lentils.

### ANIMAL PROTEIN FOODS

White fish, meat, poultry, eggs and cheese fall in this category. If you want to cut calories, eat average helping of lean and only lean — meats about 125g (4 oz) of beef, veal, pork, lamb, rabbit, liver, kidney, bacon, ham, chicken. About 150 (5oz) of white fish, all types including shellfish; eggs boiled or poached (1 egg); cheese 25-50g (1-2 oz) of all types except cream or very soft cheese.

### FATS AND OILS

These are found in butter, cream, margarine and vegetable oils, but concentrate on unsaturated varieties. These contain a number of essential nutrients including fat soluble vitamins, but watch the quantities as fat and oils are energy rich — too much builds up cholesterol, not to mention calories! Butter and margarine contain the same amount of fat and number of calories; oils contain more.

### FOODS COMBINING PROTEIN AND FAT

Examples of these foods are oily fish, nuts, eggs, cheese and milk. They are very useful as they provide a wide range of important nutrients, including certain vitamins and minerals not often found in sufficient quantities elsewhere. Milk and cheese are the main sources of calcium in our diet but some types are healthier than others; low or lower fat alternatives supply as much calcium but less fat.

## RECIPE

**Curried Rice**

Ingredients:
1 packet rice
1 kilo of meat lamb or beef cut in cubes
2 big onions
2 apples peeled and cut in cubes (small)
handful raisins
1 small packet almonds (bil-qoxra)
1 beef cube
Indian curry powder
Salt & pepper

Chop the onions and fry in oil till golden. In another pan fry the meat, then put together in one pan with the onions, add the apple pieces.

Make a stock with the beef cube and add to the pan, put curry powder, salt and pepper to taste. Leave to simmer on a moderate fire for 1/2 an hour. 5 minutes before its ready add the raisins.

When the rice is boiled and drained place in a big dish, pour the meat sauce on top and garnish with almonds. (Either roast or fry the almonds in a little oil on a very low fire for just 2/3 minutes).

GHAL KWALITA` M'HEMMX AHJAR

Mill-
Macpherson

PAINTS

# Mill-Kumitat ta' l-Entertainment

## Sparatura fuq il-plattini 1991



Għat-tielet sena konsekuttiva, saret sparatura fuq il-plattini għall-membri tal-Korp tal-Pulizija ġewwa x-Shooting Range ta' Ħal Far nhar il-Ħamis 27 ta' Ġunju, 1991.

Dan l-avveniment sar biex jiġi mfakkar il-177 sena mit-twaqqif tal-Korp.

Din is-sena ħadu sehem numru sabiħ ta' 48 kompetitur li r-rebbieħ ta' din il-kompetizzjoni kien PC 1213 T. Spiteri, stazzjonat fil-'K' Div., PC 511 M. Saliba MT Garage fit-tieni post; PC 1423 S.A.G. ġie t-tielet, PS 440 B'Kara u PC 628 No2PD ġew fir-raba' u l-ħames post rispettivament.

Iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni saret fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Intern, Dr. Ugo Mifsud Bonnici, nhar il-Ħadd 14 ta' Lulju 1991 fejn feraħ lir-rebbieħa u lil dawk kollha li ħadu sehem.

Għan-nom tal-Pulizija, nixtieq nirringrazzja lill-Kumitat tax-Shooting Range ta' Ħal Far ta' l-ospitalità li tawna u lidditti kollha li offrew l-għajnuna tagħkom kif dejjem jagħmlu biex dan l-avveniment ikun suċċess.



Dar tal-Providenza
Siġġiewi – MALTA
Telef. [illegible]

The Police Pigeon Shooting Team

Grazzi ħafna għall-offerta tiegħek ta' £ 18.35
*Many thanks for your offering of*

Fit-talb tagħna, speċjalment fil-quddiesa, nitakru fl-intenzjonijiet tiegħek
*In our prayers, especially at Holy Mass, we shall include your intention*

u l-iktar f' [illegible]
*We shall remember particularly*

Data: 1/7/91
*Date:*

għad-Direttur
*for the Director*

№ 060857 /89

**ĠABRA GĦAD-DAR TAL-PROVIDENZA**

Waqt l-isparatura li saret inġabret is-somma ta' Lm18.35c mill-membri tal-Korp u li dawn il-flus għaddew lid-dar tal-Providenza, Siġġiewi. R.No. 060857.

## Pubblikazzjoni tal-M.V.R.

- Ilha tinħass il-ħtieġa li kopja ġdida u aġġornata tal-'Motor Vehicles Regulations' tiġi ppubblikata, l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ilha għal xi żmien fi trattattivi sabiex dan iseħħ. Nisperaw li fi żmien mhux fil-bogħod inkunu nistgħu nlestu din il-produzzjoni tant mistennija.


HITACHI
INDUSTRIAL & DOMESTIC AIRCONDITIONERS.
WALL TYPE
CEILING
Wireless Remote Control Switch
NEW
SOFFIT CASSETTES
AIR HANDLER
Coolair
A division of:
TITAN INTERNATIONAL
MIZZI HOUSE, BLATA L-BAJDA. TEL: 233111-7, 230719, 223858.


Come & join the search for Cool Comfort...
AIRCONDITIONING
● Fast & efficient installation.
● Guaranteed aftersales service.
● Complete range of airconditioners including portable and remote control models.
Panta Lesco
B'Kara Road, Msida.
Tel: 441361/5

# Domestic problems and the Police

By PS 59 David Saliba

At the end of last November, three reasonably sized groups of N.C.O.'s terminated an approximately a ten week duration course at the Police Academy in a controversial and much debatable subject, "Domestic problems in particular battering of wives, as well another social problems which are all currently found in sour society.

Numerous qualified personnel such as lawyers, doctors, physiologists and sociologists lectured in their respective and specialized subjects. Each and every one conveying their ideas (some perhaps more convincing) as to how the police ought to intervene and react to these type of problems, in view that the police are the first people who are likely to come face to face with these problems.

For the sole purpose of mentioning, these lectures were concluded with an exam in all the subjects covered. Nearly every one who sat for these exams gained not only a pass but achieved a remarkably good mark. Regrettably, however till date no presentation of certificates have been awarded as initially indicated by the Director of Studies and one would only like to add that the police day would have only been the most opportune moment for such a presentation.

Never-the-less it seems to me, that the first step to upgrade and update police knowledge in these type of subjects have been made. Yet although after a lapse of nearly a year no other group was called in for similar lectures.

Having therefore, been one of the so called lucky ones, to have concluded this course, I strongly believe that these lectures should continue, especially since these lectures have had a twofold beneficial purpose.

For the lecturers' themselves, it was an opportune moment not only to educate a group of police officers, but were also made well aware of the number and endless problems which a police officer has to face, when dealing with domestic violence cases whether it be wife battering, child abuse, sexual physically or otherwise.

Amongst us, N.C.O.'s it was an opportunity to share and exchange the way of handling these violent and domestic cases bearing in mind that we should also abide only by law. Even if unfortunately sometimes not necessarily acting in the best interest of the aggrieved party.

A common ground which however was agreeable to both parties, first and foremost, was the lack of social workers availability, especially at irregular hours. Secondly the lack of space in institutions which are prepared to take in homeless parties subjected to violence again especially after normal working hours. Naturally there were other grounds where the police and civilian lecturers did not agree upon. Both through difference of opinion and possibly due to different colour of our offices. Never the less, as I mentioned earlier it initiated an opportunity to sit down and out seek our day to day problems, and appreciate if not totally understand one another.

### NO RECORDS, PLUS LACK OF CONFIDENCE AND FACILITIES

Although there are no concrete statistical figures outlining the number of cases reported to the police it is a fact known by one and all that the number of domestic problems such as wife battering and child abuse have scored up into an alarming number. More worrying though is the fact that there still exists a considerable amount of cases which do not come to light. Many cases of abuse, and domestic problems remain un-reported and un-recorded. The reason being for this is probably due to ambarresement and lack of confidence. Another reason could also be that at the local police station they may come across an officer who hails from the same village or town and world would get around. Or police stations also, lack adequate rooms where one could in confidence and privacy air one's problem. More embarrassing is the fact that the aggrieved parties are asked to speak out in front of third parties or worse the general public, who may from time to time call at the station. Some people find it naturally hard to expreme their personal problems to men, and to make things worse one hardly ever finds a woman police officer on duty who may be more understanding and compassionate. Currently we find women occupying high authorative public posts such as a judicial woman, women lawyers, and women police officers but the latter seem to be utilised some where else. To complement our short comings we lack a basic record keeping system when it comes to these types of abuses. Daily occurrences of all kinds are classified, but till date no classification for domestic violence is available. Thus it is extremely difficult if not impossible to draw up an accurate statistical date regarding this subject.

### CASES IN WHICH WOMEN AND CHILDREN ARE SEXUALLY OR PHYSICALLY ABUSED ARE ALL TIME CONSUMING. CAN THE POLICE REALLY MANAGE?

Women in particular who actually do build up enough stamina to report some sort of abuse and domestic problems to the police occasionally complain for the lack of interest shown by the police sergeant who happens to be on duty. They rightfully complain in having to wait hours on end for an NCO to return from the previous assignment or having called several times but to no avail or worse still when they managed to open their hearts in their opinion, no immediate action, if any, was taken.

Some of these complaints may be true and sometimes justified but having deeply indulged into the cause and state being as well as a certain amount of criticism put forward to by the public plus being a police sergeant myself one finds that both parties have their own good reason, to substaiate their opinion and attitude.

A common, elementary reason and explanation for this state being is probably due to the lack of man power in the police force.

On most occasions only one NCO is stationed at head districts having to deal with endless day to day trivial report, collisions, and serious crimes, all of which consume a considerable amount of time.

Now the competent authorities expect these police districts which are maned by one NCO to run efficiently is still beyond any one's belief, understanding and exceptance. Believe it or not police work comes truly in abundance. If one takes a glance at the not so long ago years one finds that two sergeants used to be detailed in head districts especially during peak hours. (A beat and station sergeant) Is this too difficult to adapt to, today? Can you just imagine being stationed at B'Kara St. Julians, Ħamrun and similar head districts having an endless chain of workload and being faced with a domestic problem. All police officers are all human after all and have our own limitations and our own problems.

Whilst on the subject of limitations, we are not the only department who is constantly criticized for our delay in dealing with the general public's problems. Whilst on the subject of limitations, we are not the only department who is constantly criticized for our delay in dealing with the general public's problems. The welfare officers department have much to differ, as it is far from the desirable state of efficient running. Probably due to the lack of social workers and welfare officers. The latter cannot be contacted after normal working hours even though there is a so called 24 hours duty officer on call listed.

Con-currently this leads to another problem that being the lack of space of temporary habitation. There are not enough residential places where people suffering from physical or sexual abuse can be referred to. Access to these places especially during late hours are a mere impossibility.

**ARE THE POLICE BEING EVASIVE — OR DO THEY ACT WITH TOO MUCH HASTE?**

One numerous occasions (I for one) the police sergeant's are faced with problems by either youths or women who have suffered some abuse in some form or another. Without going into the merits of any particular and individual case the police do their utmost to try and re-concilate the injured party with the aggressor. By no means is this done to avoid a particular course of action but the individual officer works both with independence, accountability and through past fruitful experience. Through the issuing of charges and bringing the offender before the law courts sometime does not immediately resolve the problems. Usually months lapse from the date of these occurrences and the day of hearing before the courts. During which time who is going to offer shelter and protection to the individual? Hardly anyone if any!

As far as the police are concerned and bearing in mind the relative laws if a spouse should cause any bodily harm (being of slight nature) it suffices the police to bring same to court in due course with the next district sitting by which time the wife would have either returned home since she found no shelter and would forgive the other party by signing a declaration waiving off criminal proceedings, or viva-voce forgives her husband in court. Temporarily solving the problem until the next occasion.

In trying to re-concilate both parties it is thus more beneficial to both parties concerned, first to talk, persuade and convince the aggressor not to resort to violence and try to work out their problems.

When I personally take a different course of attitude in these domestic problems and bring to book the offender sometimes it only made things worse and it gives the aggressor an even more good reason to stubborn his head. Occasionally in some cases where repetition is the case there is no solution but to go to court. This should in my opinion be the last solution.



# Ħatra ġdida fil-Korp tal-Pulizija

Is-Sur George Grech għadu kif ġie maħtur Deputat Kummissarju tal-Pulizija b'seħħ mit-12 ta' Lulju 1991.

Is-Sur George Grech ingaġġa fil-Pulizija fir-rank ta' kuntistabbli fl-14 ta' Diċembru 1967. Minn dakinhar qatt ma ħares lura. Wara li ġie 'posted' għal xogħol fil-'Y' Div. dak iż-żmien ġewwa id-drydocks fl-1965 ġie trasferit il-Control Room ġewwa id-Depot. Fl-1968 wara eżami intern ġie maħtur Surġent u ġie posted fl-'F' Div. fejn ħadem f'Wied il-Għajn.

Fit-13 ta' Marzu 1990 ukoll wara eżami ġie maħtur sotto-Spettur fejn ġie trasferit is-C.I.D. Fl-1.9.70 ġie appuntat bħala Spettur u ħadem fl-A Sub. Div. il-Furjana. Fil-31.3.81 ġie mlaħħaq Supertendent bir-responsabbiltà tad-Distrett Nru. 4 Raħal Ġdid.

Fl-1 ta' Settembru 1988 ġie mlaħħaq Assistent Kummissarju fejn kien responsabbli mis-Security Branch.

Il-lum is-Sur George Grech li jokkupa pożizzjoni għolja fil-Korp tal-Pulizija nistgħu ngħidu li tella' l-iskala kollha tas-sellum wara li wera kapaċità u ntegrida f'kull rank li okkupa.

Aħna nawgurawlu aktar suċċessi fil-ħidma tiegħu fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.

**Qegħdin nippubblikaw ittra ta' apprezzament li ntbagħtet lill-Awtoritajiet tal-Pulizija fejn ġie muri l-apprezzament lejn membru tal-Korp wara intervent li sar minn dan il-membru. Hu ta' min jinkoraġġixxi membri tal-Korp li juru inizjattiva fix-xogħol tagħhom u b'hekk jinħass aktar l-iskop li l-Pulizija qiegħda hemm sabiex tgħin lil pubbliku.**



Lis-Sur Supretendent 24.6.91

Nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi tal-għajnuna li tani l-Pulizija John Mary Attard P.C. 1115, x'ħin binti taha 'Febbre Convaltion' u P.C. Attard ta l-'First Aid Emergency' wara ħadha l-isptar. Grazzi ħafna u nixtieq twassally r-ringrazzjament tiegħi.

Grazzi ħafna,
Mary Louise Fenech

# Il-funeral ta' Sir Walter Congreve V.C.

Sir Walter Congreve kien it-28 ta' Gvernatur ta' Malta. Kien ġie maħtur Gvernatur wara Lord Plummer fid-29 ta' Ġunju 1924 u dam sakemm miet fid-9 ta' Mejju 1927. Kien bla drieħ għaliex kien weġġa' gravi fil-gwerra tal-Boeri, kien simpatiku u kuraġġuż u kellu l-aqwa dekorazzjoni ta' l-armata jiġifieri l-Victoria Cross. Kien ibati ħafna bl-ażma għalhekk kien ta' spiss joħroġ għall-arja bil-Yacht tiegħu fuq il-baħar. L-aktar li kien iħobb imur lejn Wied iż-Żurrieq fejn kellu ħafna ħbieb fost is-sajjieda tal-post.

Sir Walter Gonvreve miet għall-ħabta tal-karnival għalhekk kienu tħassru l-festi kollha li kienu ġew ippreparati. Kellu funeral kbir kif nistgħu fir-ritratti. Matul it-triq li minnha għadda l-korteo ġew skjerati għadd kbir ta' suldati bl-azzarin ippuntat lejn l-art. Folol kbar ta' nies marru biex jagħtuh l-aħħar tislima. Fuq quddiem tal-korteo li mexa tul Strada Rjali għall-Furjana lejn id-Dwana, mexa Reġiment ta' suldati bir-'Reverse Arms', imbagħad il-karru bit-tebut mgħotti bil-bandiera Ingliża l-banda tal-militar b'daqq ta' marċi funebri, Lady Congreve fil-karrozza, l-ajjutant tal-Gvernatur bil-midalja tar-Reġina Vittorja fuq imħadda f'idu, l-Isqof flimkien mal-Kapitlu tal-Katidral, il-Prim Ministru, il-membri tal-Gvern u l-korp diplomatiku. Warajhom imxew ir-rappreżentanti tas-soċjetajiet diversi, standardi tal-baned Maltin u numbru kbir ta' nies.

Hekk kif il-korteo wasal ħdejn id-Dwana t-tebut ġie mtella' fuq il-fregata tan-'Navy' Ingliża 'Crysantheumum' (li mbagħad baħħret lejn filfla fejn it-tebut ġie mniżżel fil-baħar fil-post fejn kien xtaq il-Gvernatur stess qabel ma miet. Ftit taż-żmien wara l-mewt ta' Sir Walter, Lady Congreve kienet ikkonvertiet għar-reliġjon Kattolika.



Il-Membri tal-Gvern u l-Korp Diplomatiku waqt il-funeral.





Il-karru bit-tebut mgħotti bil-bandiera Ingliża ħiereġ minn Bieb il-Belt.



Il-kavallerija tal-Pulizija miexja quddiem ir-reġiment tas-suldati.



Ir-rappreżentanti tal-Kleru, u l-membri tal-Parlament.



L-Isqof flimkien mal-Kapitlu tal-Katidral.



It-tebut qed jitniżżel il-baħar minn fuq il-fregata 'Crysanthemum'.

# 177 Anniversarju mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta

## Ġimgħa ta' attivitajiet mis-7 sal-14 ta' Lulju 1991

Il-festi li jikkommemoraw il-177 sena mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta bdew il-Ħadd 7 ta' Lulju 1991 fid-9 a.m. b'quddiesa fil-Kappella taċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata. Wara saret ċerimonja qasira fuq l-oqbra tal-Korp fejn tqiegħdu kuruni tal-fjuri mill-Onor. Ministru ta' l-Intern u Edukazzjoni Dr. Ugo Mifsud LLD. M.P. il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred Calleja, tqiegħdet kuruna oħra f'isem il-membri tal-Korp, l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija, tal-Pensjonanti kif ukoll tal-Għaqda ta' l-I.P.A. Ta' min jirrimarka li għal din il-quddiesa u ċerimonja kien hemm numru sabiħ ta' membri li attendew.

L-attivitajiet tkomplew wara billi ġiet inawgurata esebizzjoni ta' hobbies fis-sala Mużew ġewwa l-kwartieri ġenerali tal-Pulizija fil-Furjana. F'din il-hobbies exhibition ħadu sehem diversi membri tal-Korp u anke xi penzjonanti fejn urew diversi xogħolijiet li wħud minnhom kienu ta' livell ogħli ħafna. Fid-diversi oġġetti li kien hemm għall-wirja kien hemm x'wieħed japprezza sew għal dawk li huma kollezzjonisti kif ukoll għal xogħol ta' pittura, fotografija, u anke skultura. Ta' min jinkorraġġixxi lil dawn il-membri kif ukoll oħrajn sabiex joħorġu t-talenti tagħhom għaliex hemm ħafna x'wieħed jara u japprezza.

It-Tnejn 8 ta' Lulju l-attivitajiet tkomplew billi nżammu 'open days' f'diversi għases f'Malta. F'dawn l-'open days' il-pubbliku kellu l-opportunità li jara mill-qrib kif taħdem il-Pulizija u fl-istess ħin issir aktar familjari max-xogħol tal-Pulizija.

It-Tlieta 9 ta' Lulju 1991 l-Entertainment Committee tal-Pulizija organizza Variety Show fl-Eden Paladium. Is-serata li kienet taħt il-patroċinju tal-Ministru l-Onorevoli Dr. Ugo Mifsud Bonnici u s-Sinjura tiegħu flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred Calleja u s-Sinjura tiegħu, beda għal xi d-9.30 p.m. wara li ġie servut l-ikel. L-ewwel li smajna kien il-bravu Paul Giordemania li semmalna diversi kanzunetti mir-repertorju tiegħu, wara kanta flimkien ma' Giorgina l-kanzunetta ferm popolari li tant marret tajjeb fil-Eurovision Song Contest "Could it be". Giorgina semmatilna wkoll diversi kanzunetti mil-lista tagħha. Iż-żewġ kantanti ntlaqgħu tajjeb ħafna mill-udjenza.

Wara Paul Giordemaina u Giorgina telgħa l-kummidjant Jerry Harris li faqa lil kulħadd bid-daħk bil-frażijiet u ċ-ċajt tiegħu.

Kantata stabbilità għalina l-Maltin kif ukoll għal dawk il-barranin li jżuruna u jattendu f'wirjiet ta' Entertainment fin-'night clubs' lookali żgur li issaħru jisimgħu l-vuċi qawwija ta' Mary Spiteri li żammet l-udjenza ferm attenta waqt il-preżentazzjoni tagħha.

Meta nsemmu t-talent Malti żgur li ma nistgħux inħallu barra lil vjolinista George Curmi li għaġġeb lil kulħadd





bil-ħila li wera meta nterpreta diversi melodija fuq il-vjolin, hawn ta' min isemmi l-orkestra residenti ta' l-Eden Paladium li wriet verament il-kapaċità tagħha fl-esekuzzjoni tad-diversi xogħolijiet li tatna u l-mod kif il-kantanti diversi kantaw bl-akkumpanjament tagħha. F'nofs is-serata saret il-preżentazzjoni ta' tifkira lid-diversi sponsors li mingħajr l-għajnuna ġeneruża tagħhom żgur li x-show tal-kalibru li kellna żgur ma kenitx issir.

Waqt il-preżentazzjoni lill-isponsors sar diskors qasir mill-Onorevoli Ministru Dr. U. Mifsud Bonnici fejn wera s-sodisfazzjon tiegħu għal-livell ogħli li ntwera mid-diversi kantanti li ħadu sehem f'din ix-show fejn esprima li fostna hawn ħafna talent u li dan għandu jiġi nkoraġġut.

Tkellem ukoll dwar il-Korp tal-Pulizija ta' Malta u enfasizza li għandna naħdmu aktar sabiex nilħqu l-għan tagħna u nikkumbattu l-kriminalità, semma wkoll li l-Pulizija tistenna li l-kundizzjonijiet tax-xogħol favorevoli, iżda saħaq li aħna lkoll għandna nagħtu sehemna ħalli hu jkun jista' jagħmel aktar pressjoni sabiex dak li għamel ma' ħaddieħor ikun jista' wkoll jagħmlu magħna.

Tkellem ukoll il-Kummissarju s-Sur Alfred Calleja fejn irringrazzja lil kulħadd u kull min kellu x'jaqsam sabiex din ix-show setgħet titgħella. Fl-aħħar għamel żewġ kelmiet l-Assistent Kummissarju s-Sur J.C. Gauci, wara ġew mogħtija kull wieħed rigal żgħir ta' tifkira.

Is-serata wara tkompliet b'wirja eċċellenti miż-żeffiena ta' Alison White. Hawnhekk ukoll deher ċar il-livell għoli tat-talent li Malta tipposiedi. Il-mużika u ż-żfin li kien akkumpanjat mill-ilbies ikulurit taż-żeffiena ta spettakolu li mpressjona lil kull min rah.

Fl-aħħar deher Enzo Guzman li wera abbiltà kbira fil-preżentazzjoni tas-siltiet li hu kanta kif ukoll wera kapaċità kbira bħala preżentatur għal fuq il-palk. Enzo Guzman tana show ta' livell internazzjonali li ħafna jiftakruh qabel ma emigra lejn il-kanada, iżda l-lum irfina ħafna u nistgħu ngħidu li laħaq il-quċċata f'dak li għandu x'jaqsam ma' "cabaret" entertainment.

Nistgħu ngħidu li dan ix-show kien memorabbli u se jgħaddi ħafna żmien u nibqgħu nitkellmu dwaru.

It-tnax ta' Lulju 1991 jum il-fondazzjoni tal-Pulizija beda fid-9 a.m. b'quddiesa ta' radd il-ħajr konċelebrata mill-Eċċellenza tiegħu Monsinjur Arċisqof Giuseppe Mercieca fis-Sala Vilhena ġewwa d-Depot li kienet mżejna u attrezzata apposta. Fil-10.45 a.m. saret defile fil-belt Valletta li kienet tinkludi vetturi, muturi, żwiemel, fire engines tal-Pulizija kif ukoll kontinġent tal-S.A.G. li jinkludu r-Rescue u li Scuba Teams. Wara mxew is-Silent Drill Display. Il-banda ta' l-A.F.M. ipparteċipat ukoll fid-defile.

Hekk kif waslet fil-pjazza tal-Palazz il-President tar-Repubblika l-Eċċelenza tiegħu t-Tabib Ċensu Tabone ngħata s-salut. Wara s-Silent Drill Team taw wirja ta' preċiżjoni li ġagħbet l-applawsi u l-approvazzjoni tal-pubbliku numeruż li kien preżenti.

Is-Sibt 13 ta' Lulju l-istess Silent Drill Team flimkien mal-kontinġent tar-Rescue u Scuba Teams tal-S.A.G. taw wirja ġewwa Marsalforn, Għawdex.

Il-Ħadd 14 ta' Lulju 1991 il-festi ġew fi tmiem tagħhom billi nżammet 'open day' fid-Depot tal-Pulizija. Fl-istess ġurnata saru l-preżentazzjonijiet mill-Onor. Ministru ta' l-Intern u Edukazzjoni Dr. U. Mifsud Bonnici lill-parteċipanti li ħadu sehem fil-'hobbies exhibition' li nżammet ġewwa d-Depot.

Matul din il-ġimgħa ma ġewx minsija dawk l-ex membri tal-Korp li minħabba l-età jinsabu irtirati fid-djar jew f'xi sptar għalhekk l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija flimkien mal-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti għamlet diversi żjarat lil dawn il-membri u ħadditilhom xi ħaġa żgħira bħala tifkira waqt iż-żjarat li kienu apprezzati ħafna minn dawn l-ex membri li ma naqsux li jitkellmu dwar l-esperjenzi tagħhom ta' l-imgħoddi meta huma servew fil-Korp.

# Forensic Science Through the Ages

By J.M. Scicluna

**The term "Forensic" is derived from the Latin word "Forens" which means "pertaining to the Courts of Judicature" Hence Forensic Science is the science in relation to Law. English-speaking countries used the expression "Medical Jurisprudence" while the French and Germans used the term "Medicine Legale" and "Gerichtiliche Medizin" respectively.**

Forensic Science is almost as old as Crime itself. It dates back to about the year 3000 B.C. Imhotep was an Egyptian Judge and Doctor of Medicine, hence Imhotep is considered as the first Medico-Legal expert.

In the year 2000 B.C. a Code of Law was established by Hammurabi, the King of Babylon. The Code was strong on Crime and Punishment but relied on citizens being prepared to tell the truth on oath.

History tells us that Julius Caesar died of stab wounds inflicted by Brutus, Cinna and others; hence the first documented post-morted examination was carried out by the Roman surgeon Antistius, who noted that Caesar sustained twenty-three stab wounds one of which penetrated the heart which had the fatal consequence.

The first "official" Forensic pathologist was the Greek-Roman by the name of Galen who lived between 130 and 200 A.D.Galen performed a great number of post-morten examinations where he related the external symptoms with the internal findings during the autopsy. Galen contributed two great works towards humanity, one was entitled "De Anatomicis Administrationibus" in nine volumes and the other "De Locis Affectis".

Whole Centurites has passed since the days of Galen when in the year 1248 a book by the name of "Hsi Luan Yu" cropped up in China. This book argued about investigations of homicide, assault victims, and the procedure necessary to bring the accused in Court. It is to be pointed out, however, that this Chinese book also indulged in the magic concepts and in superstition.

By the turn of the Fourteenth Century the Roman Catholic Church categorically condemned the practice of autopsies but by the year 1507, about a hundred years later, the rate of infanticides and homicides became alarmingly high. The Bishop of Bamberg, seeing the high rate of crime prevailing, published the "Constitution Barmbergensis Criminals" where he encouraged Forensic Pathology.

"De Humani Corporis Fabrica, Libri Septem" was the book published by Andreas Vesalius in 1543, illustrating anatomy of man which marked the beginning of a new era for modern medicine.

In the 16th Century Ambroise Pare, who was a pupil of Vesalius, made intensive studies on victims' internal organs.

Up to the 18th Century Forensic Science, especially Forensic Medicine had made great steps towards the logic of the actual facts relating to crime.

In 1899 Bernard Spilsbury made advanced studies in Forensic Science and is primarily noted for his work and for the procedure he adopted towards the preservation of his Forensic investigations in Court. One of Spilsbury's pupils was Alexander Fleming who discovered Pinicillin. Spilsbury was also the first person to introduce the "Scene of Crime Bag" u "Murder Bag" which eventually consisted of gloves, magnifying glasses, measuring tape, "swabs", bags for the collection of material to be examined by the Forensic Laboratory, pincers, scissors, and other useful things needed for an investigation "in Loco".

A notable event was the establishment of a Police Laboratory in Lyons, France in 1910 by Edmond Locard (1877-1966).

In 1928 Sir Sydney Alfred Smith was nominated as Professor of Forensic Medicine at the University of Edinburgh. Apart from being a Forensic Pathologist he studied all aspects involved in Forensic Science. Smith also contributed works and studies of Toxicology, Microscopy and Ballistics.

The 19th and 20th Century saw the patron of Forensic Science, namely Alphonse Bertillon, a Frenchman who specialised in the technique for the identification of corpses.

Between the First and Second World Wars, Forensic Lab. Service with well-equipped facilities and properly trained staff were cropping up in every civilized country.

The Success in Fingerprint technique is attributed to Eugene Vidocq, Juan Vucetich, Sir Francis Galton, Edward Henry and William Hershel, while the Ballistics technique is attributed to Sir Syden Smit, henry Goddard, Charles E. Waite, and Robert Churchill.

In Contemporary times Mikhail Gerasimov established the technique of investigating Forensic Anthropology.

Nowadays with the help of electronics and lasers, we entered an era of minute investigations enabling the Police to combat crime through the use of ultra-modern apparata used in Forensic Science.

Apprezzament — Minn Vincent P. Zahra

# Ħalliena ħesrem l-awtur "Minn Ġrajjiet il-Pulizija"

Kien nhar il-Ġimgħa 6 ta' Settembru 1991, jumejn qabel il-festa ta' Marija Bambina li tiġi ċelebrata fil-Belt ta' l-Isla fejn qatta' parti kbira minn ħajtu, meta sehibna u ħabib ta' kulħadd ħalliena ħesrem fil-Belt Valletta fejn kien figura ta' kuljum speċjalment fi Triq ir-Repubblika ta' kull filgħodu. Dan kien Lorry Muscat ex-Surġent tal-Pulizija.

X'kienet il-ħidma tiegħu fil-Belt? Ma kenitx ħlief jiġri minn post għall-ieħor jaqdi lil sħabu ex-Pulizija li għal xi raġuni ma kenux jagħmlu dak li jagħmel hu għalihom.

L-aħħar li tkellimna kien it-Tlieta ta' qabel miet. Nista' ngħid li ma kienx f'siktu bħas-soltu u tlabtu jkellem tabib. Id-destin tiegħu kien li jidħol fil-Belt tagħna filgħodu u minflok ħareġ hu ħarġuh sħabna.

Kien il-bidu tas-sena 1980 meta talabni nghinu fit-twaqqif tal-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti — għall-ewwel għedtlu li mpossibbli bix-xogħol li diġà għandi ndħol f'xogħol ieħor — imma l-insistenza tiegħu u l-iskop li għalih ried jagħmel din l-għaqda li fi ħsiebu kienet aktar filantropika milli għal skopijiet oħra, qalli rrid ngħin lil dawk il-Pulizija Pensjonanti rtirati u ma jifilħux jiġru għal xi qadi fid-Dipartimenti li jkollhom bżonn u fuq kollox biex ma jkunux minsija minn sħabhom. Ma stajtx nibqa' ngħidlu ma nistax meta rajt l-iskop ġenwin tiegħu u fl-aħħar għedtlu iva.

Bdejna naħdmu fuq l-Istatut tal-Għada biex ngħajtu l-ewwel laqgħa għal dawk il-Pensjonanti mill-Korp kemm jista' jkun malajr.

Dan għamilnih nhar il-Ħadd 25 ta' Mejju 1980 fl-Istitut Kulturali, Floriana, bil-kortesija tiegħu Patri Dijonisju Mintoff OFM.

Bħala fundaturi konna aħna, Karmenu Bugeja, Jimmy Caldridge, Joseph Spiteri u Mose Tanti. Kellna l-għajnuna tas-Surġent Michael Marshall u Eddie Attard — President u Segretarju rispettivament tal-Malta Police Association.

Tista' tgħid li minn dakinhar sa meta miet ma waqaf qatt. Jiġri dejjem minn post għall-ieħor biex dejjem itejjeb il-pożizzjoni ta' sħabna f'dak li hu possibbli.

Issa bdejna ngħidu li mingħajr lokal ma tistax timxi, għax il-Membri tkun ta' katina għalihom li jsibu fejn jiltaqgħu kull daħla u ħarġa fil-Belt u b'hekk ikun hemm kuntatt kontinwu.

Dan seħħ ukoll bil-Police Social Club f'City Gate Complex fejn bil-kortesija tal-Kummissarju tal-Pulizija bil-ħarġa taċ-Ċirkulari nru. 113/82 tat-28 ta' Diċembru 1982 l-għaqda ġiet mitluba tinnomina żewġ rappreżentanti tagħha fuq il-Kumitat għat-tmexxija tal-Police Social Club.

Għal dan il-għan l-Għaqda innominat lis-Sur Lorry Muscat, President u lili bħala Segretarju tal-Finanzi fuq dan il-Kumitat. Ġie wkoll magħmul statut għat-tmexxija tiegħu u kumitat format mir-rappreżentanti ta' l-Officers Mess Malta Police Association, Mess Committee u mill-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti. B'hekk ukoll seħet xewqa oħra ta' Lorry Muscat — li ntemmet fl-197. Minn dakinhar sa meta miet ma waqafx mill-insistenza tiegħu li hu meħtieġ li jkollna lokal ieħor bħala Club. Però l-akbar biċċa xogħol tiegħu li kopja tagħha tinsab quddiemi hija s-suġġett li bih ftaħt dan l-episodju tal-ħajja ta' sieħbi Lorry, "Minn Ġrajjiet il-Pulizija". L-ewwel episodju 1813-1824. Kien beda jaħdem fuq it-tieni Episodju.

Ma jistax ikun li xogħol bħal dan jiġi mitluq, għal dan il-għan jiena u l-Viċi-President tal-Għaqda Joe M. Borg konna lesti li nidħlu biex inkomplu dan ix-xogħol b'qima u rispett għal sehibna Lorry, biex jibqa' tifkira tiegħu.

Tfaċċat proposta mis-Sur A. Muscat Tomasi ex-Deputat Kummissarju tal-Pulizija u Direttur ta' l-Akkademja tal-Pulizija li wera ħafna apprezzament għax-xogħol li kien qed jagħmel sehibna. Hu ppropona li Eddie Attard li semmejt fil-bidu ta' din il-kitba u li diġà qiegħed jagħmel xogħol fuq dan is-suġġett u li deher f'"It-Torċa", ġie mitlub li jkompli dan ix-xogħol. Kemm jiena u sehibna Joe M. Borg ilqajna dan is-suġġeriment speċjalment peress li jitlob ħafna ħin li aħna t-tnejn ma tantx għandna, bil-qalb kollha aċċettajna dan is-suġġeriment li bih xorta se jiġi mfakkar sehibna.

Qabel nagħlaq nistqarr li ma kienx possibbli nsemmi u wkoll niftakar dawk kollha li taw l-għajnuna tagħhom f'dak li semmejt f'dan l-episodju mill-ħajja ta' sehibna Lorry li żgur jibqa' f'qalbna.

Il-funeral li sar fil-Bażilika ta' l-Isla nhar is-Sibt 7 ta' Settembru u l-quddiesa li saret id-Depot tal-Pulizija fuq l-inizjattiva tal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred Calleja nhar il-Ħadd 15 ta' Settembru wrew ir-rispett li bih kien miżmum ma' kulħadd sehibna Lorry.



**Is-Surġent Lawrence Muscat daħal fil-Korp bħala riservista fit-28 ta' Settembru 1938 bin-Nru. 20. Ġie konfermat bħala kuntistabbli fis-26 ta' Jannar 1940 bin-Nru. 334 fejn ġie konfermat 3rd Class sena wara u ġie stazzjonat fid-"D" Division, konfermat 2nd Class fil-25 ta' Lulju 1946 u stazzjonat fid-"W" Division konfermat 1st Class fil-25 ta' Lulju 1949. Ħa promozzjoni ta' Surġent fis-16 ta' Ġunju 1958 u ġie stazzjonat fid-"D" Division, ġie konfermat 2nd Class fis-16 ta' Ġunju 1961.**

**Is-Surġent Muscat ġie konfermat 1st Class Surġent fis-16 ta' Ġunju 1964. Fl-4 ta' Novembru 1965 ġie stazzjonat fl-"A" Division minn fejn irtira mis-servizz fl-10 ta' Frar 1969. Is-Surġent Muscat għamel 31 sena servizz fil-Korp tal-Pulizija.**

# Il-Flotta ta' l-Ordni f'Malta

Mingħajr qawwa fuq il-baħar, l-Ordni ma kenitx tista' tkun potenza qawwija kif kienu nazzjonijiet oħra. Kienet il-flotta li kellha l-Ordni li żammet lit-Torok milli jikbru wisq aktar fil-Mediterran. It-Torok, bix-xwieni tagħhom kienu spiss jattakkaw xwieni ta' nazzjonijiet Insara u dan is-serq mit-Torok serva ta' provokazzjoni biex l-Ordni kompliet issaħħet fuq il-baħar u saret potenza qawwija li setgħet tħabbata ma' qawwiet oħra Ewropej.

Fis-seklu 16, għalhekk in-Nazzjonijiet Insara biex aktar ixejna l-qawwa Torka fuq il-baħar, kienu spiss jingħaqdu fi flotta waħda u flimkien jagħmlu spedizjonijiet, għalhekk attakki u battalji fuq il-baħar bejn il-kkursari ta' Barbarija u l-Insara kienu saru aktar spissi.

Biex l-Ordni żżomm il-flotta kien meħtieġ infiq liema bħalu u għal dan l-Ordni qatt ma kienet xhieħa tant li x-xwieni u l-galljuni ta' l-Ordni kienu mhux biss magħmula bl-akbar sengħa u bil-kumditajiet meħtieġa, imma kienu tant imżejna u dekorati li kienu magħrufa bħala l-isbaħ xwieni li kienu jbaħħru f'dawk iż-żminijiet.

Dawn ix-xwieni kienu proprjament użati għal ġarr ta' proviżjonijiet u għalhekk rari kienu jkunu mgħammra bil-kanuni. Sa dawk iż-żmenijiet fil-battalji kienu jersqu ma' xulxin u l-baħħara jitilgħu għal ġlied fuq ix-xwieni sa ma waħda ikollha iċċedi għall-oħra.

Kienu għalhekk aktarx mezz li kabbru ħafna il-kummerċ il għaliex bis-saħħa tagħhom kienu jġibu proviżżjonijiet minn fejn dawn ikunu irħas. Bosta drabi xi xwieni Insara kienu jinqabdu mit-Torok u l-ismejkna baħħara kienu jingarru bħala skjavi u l-ġid xwieni jittieħed lura' wkoll. Min-naħa ta' l-Ordni mhux darba u tnejn xwieni Torok inqabdu mill-Ordni u dawn ġew miġjuba Malta bħala prejjes. Naturalment dawn kienu jġibu f'Malta mhux biss numru ta' skjavi tant meħtieġa għax xogħlijiet ta' bini tas-swar, imma wkoll bosta drabi kienu jinstabu oġġetti ta' ikel u ġojjelli u rikkezzi liema bħalhom. Dawn il-provokazzjonijiet kienu dejjem il-kawża ta' gwerer u nistgħu ngħidu illi l-attakk fuq Malta kemm fl-1551 u kemm fl-1565 kienu kaġunati mir-rabja li t-Torok kellhom wara li tilfu xwieni li l-Ordni ħadulhom waqt li kienu jbaħħru.

L-attivitajiet tal-flotta ta' l-Ordni kienu diversi u tant spissi li jieħdu t-tul biex wieħed jiddeskrivi, infatti jekk wieħed iqalleb il-ġrajja ta' l-Ordni miktuba minn lis-storiku Bosio josserva kemm folji ta dan it-tagħrif huwa rigward il-ħidma ta' l-Ordni fuq il-baħar, jew aħjar is-sehem li kellha l-flotta ta' l-istess Ordni fit-twettiq ta' l-iskop li għalih ġiet imwaqqfa

**Minn Lorenzo Zahra**

l-Ordni, dik tad-difiża ta' l-artijiet Imqaddsa.

Kien għalhekk l-ewwel fost il-ħsibijiet ta' l-Ordni li tistabbilixxi Tarznar għall-manutenzjoni tax-xwieni. Kienet ukoll din ir-raġuni primarja li l-Ordni għażlet il-Kastell u l-Birgu fil-Port il-Kbir ħalli hemm twaqqaf is-Sede tagħha fuq belt maħsula mill-baħar biex hekk iżżomm ruħha marbuta ma' l-Ewropa. U l-parti l-aktar attiva fil-Port ħadet l-isem ta' Port ix-Xwieni proprju minħabba n-numru ta' bċejjeċ li kienu jankraw f'dik id-daħla kennija mħarsa fil-Port ewlieni ta' Malta.

Iżda ma jistax ikollok flotta jekk ma jkollokx Tarznar għaliha. U kien għalhekk li l-ewwel Gran Mastru l'Isle Adam li malajr ħaseb biex jara li ssir tarzna addattat mal-bżonnijiet ta' l-Ordni. Dan naturalment ma jfissirx li ma kienx hawn diġà post fejn setgħu jissewwew xwieni li kellhom il-Maltin li diġà kienu magħrufa għall-ħidmiet tagħhom fuq il-baħar.

Iżda flotta organizzata u kbira bħal dik li kellha l-Ordni kienet teħtieġ apparati aktar moderni. Il-Gran Mastru infatti għamel ukoll ħatriet ta' uffiċjalità tant meħtieġa għat-tmexxija ta' dan il-post u kieku wieħed irid isemmi tant ħaddiema u uffiċjali li kellhom is-sehem tagħhom, kien irid it-tul iżda aħna fortunati li s-studjużi tal-ġrajjiet jistgħu jsibu miktuba tant ismijiet ta' kaptani, armiralli u uffiċjalità oħra li taw is-sehwm tagħhom fil-ħidma tal-baħar taħt il-għaqda ta' l-Ordni.

Attività kemm tal-flotta kif ukoll fit-Tarznar ta' l-Ordni qatt ma naqsu jew waqfu, u dan kien jipprovdi ħafna xogħol għal Maltin li ħafna minnhom kienu baħħara tajbin waqt li oħrajn kienu nies tas-snajja, jaħdmu fit-tiswija u fil-bini ta' dawn ix-xwieni u galjuni sbieħ li kellha l-Ordni.

It-Tarzna ta' l-Ordni għaddiet minn progressi ġmielhom u meta l-Ordni għaddiet biex tistabbilixxi ruħha fil-Belt Valletta, xorta waħda l-Ordni ħadet ħsieb li tkompli tkabbar il-postijiet meħtieġa għal għan tal-flotta. Naraw infatti fix-xatt tal-Birgu xi Palazzi kollha stil barok, li l-għan tagħhom kien dak li jservu lill-baħħara. Kienu wkoll f'wieħed minn dawn il-Palazzi li l-Gran Mastru Pinto għamel skola nawtika għat-tagħlim tan-navigazzjoni u ta' min jgħid fil-Bibbjoteka tagħna naraw xi kotba li kienu jintużaw f'dik lis-skola.

Spiss it-Tarznar kienet tkun suġġett ta' l-Agenda fil-Kunsill ta' l-Ordni u bħala riżultat ta' dawn is-seduti kienet ġiet deċiża li fit-tarznar tal-Birgu ssir ix-xini Capitana — jew aħjar kif konna insejħula dawn iż-żmenijiet — il-flagship — li meta ġiet varata fl-1554 ġiet imsemmija "Santa Maria della Vittoria".

Saru wkoll ħafna xogħlijiet biex iħarsu tajjeb it-Tarznar, il-għaliex il-bini tal-Forti San Mikiel kif ukoll forti fuq lix-Xprun ta' l-Isla kienu saru bl-iskop tal-ħarsien ta' "Port ix-Xwieni". Kien għalhekk li inġiebet minn Venezja katina kbira biex tagħlaq l-istess daħla li kienet il-kenn tax-xwieni ta' l-Ordni.

L-aktar pont ta' inkwiet li kellha l-Ordni minħabba l-Flotta kien bla dubju l-okkupazzjoni tal-post jew dinjità għolja tal-Kaptan Ġenerali tax-Xwieni. Il-Lingwi kollha kellhom ambizzjoni biex jieħdu f'idejhom dan il-post għoli, imma l-Pilier Taljan billi f'idejh kienet taqa l-amministrazzjoni tal-flotta kien aktar pretensiv u għalhekk billi il-Lingwa Taljana riedet li l-post ikun mimli minn Kavalier Taljan għal dejjem, kien inqala bosta inkwiet.

Meta din il-kwistjoni marret Ruma

għal deċiżjoni tal-Papa, dan ħalliha f'idejn il-Kardinal Prokuratur ta' l-Ordni, iżda xorta waħda il-Kunsill sostna li l-post ma għandux ikun ta' permanenza f'idejn it-Taljani. Il-ġara għal din id-dinjità kienet kawża ta' bosta inkwiet, tant li darba fl-1547 kien ġie attakkat il-Prior ta' Lombardija, wara li baħri mix-xini "San Giovanni" kien ġie maqtul. Aktarx li inkwiet bħal dan li kien spiss kien dejjem kaġunat minħabba r-rivalità li kienet teżisti bejn il-lingwi biex jokkupaw l-għola dinjità li taħta kienet suġġetta l-flotta ta' l-Ordni. L-akkwist ta' Tripli kien żgur frott tax-xogħol tal-flotta u l-attakk fuq Madon fejn ġab lura f'Malta 880 skjav kienu okkażjonijiet ta' ferħ kbir fil-gżira. Dawn kienu taqtigħat kbar li għamlu waħedhom ix-xnieni ta' l-Ordni.

Fis-sena 1549 il-Flotta ta' l-Ordni kienet ingħaqdet mal-Flotta tal-Prinċep Doria bl-iskop li jmorru jattakkaw lil Dragut fit-Tramuntana ta' l-Afrika.

Il-Battalji ta' Lopanto, kienet battala navali li baqgħet imsemmija fl-istorja u f'dik il-Battalja li ħadu sehem il-Potensi Insara tal-Mediterran, is-sehem ta' l-Ordni ma kienx jonqos il-għaliex huwa magħruf sewwa il-parti kbira li ħadu l-erba' xwieni tal-Kavallieri li kellhom parti tant prominenti f'dik it-taqbida.

Il-Kavallieri baqgħu għal bosta snin jieħdu sehem fi spedizzjonijiet mhux biss waħedhom imma wkoll diversi drabi magħqudin ma' xwieni oħra ta' nazzjonijiet oħra, u tajjeb wieħed jgħid illi isem il-flotta ta' l-Ordni kien miżmum mhux biss b'għożża, imma kienu magħrufa għal ħila tal-baħħara daqskemm għas-sbuħija tax-xwieni u għas-saħħa ta' bastimenti li kienu tajbin mhux biss għal gwerra imma wkoll għal qilla tal-baħar.

Fost il-Kavallieri kien hemm bosta li isimhom jixraq li jissemma meta jissemma l-baħar u x-xwieni. Carlo Sforza, il-Bali Adorno, Leone Strozzi Fr. Griogio Schilling, Weston u tant oħrajn li kkappeġjaw attivitajiet rebbieħa fuq il-baħar huma fost il-ħafna nies ta ħila li l-Ordni kellha f'din it-taqsima ta' difiża marittima.

F'dawk iż-żewġ sekli — 15 u 16 — in-Nazzjonijiet tal-Mediterran kienu magħquda bħalma huma magħquda il-lum taħt il-komunità tan-Nato.

U kif il-flotot tal-Mediterran huma f'dawn is-snin tagħna magħquda ta' Nazzjonajiet bħal Amerika, Turkija, Greċja, Italja u l-Ingilterra, hekk kienu in-Nazzjonijiet f'dawk iż-żmenijiet, magħquda kontra it-tixrid tas-saltna tan-nofs qamar li kienet konsidrata l-għadu tal-Kristjanita u ċ-ċiviltà Ewropea.

Wara ħidma ta' rebħiet u telfiet, ix-xwieni ta' l-Ordni li għal kważi tlett sekli mlew il-baħar Mediterran, spiċċaw kif spiċċat il-qawwa ta' l-Ordni, u t-tarzna ta' l-Ordni f'Malta sabet ruħha għal sentejn sħaħ taħt il-bandiera ta' Napuljun sa ma ftit biss wara għaddiet għal idejn l-Ingliżi. Dawn ukoll sabu użu tajjeb minn lis-stabbilimenti li kienet oriġinat l-Ordni.

Saru pero' żviluppi kbar addatta maż-żmenijiet u Malta kienet għal bosta snin bażi navali għal flotta l-aktar qawwija Ingliża fil-Mediterran imma meta din il-ħidma mietet il-mewta kaġunata maż-żmenijiet, it-Tarznar għaddew f'idejn intrapriva kummerċjali u għaddew ukoll għal amministrazzjoni tal-Gvern.


Valhmor Borg
Group of Companies
Borg Cold Stores Buildings, Abattoir Square, Marsa, Malta.
Telegrams: Valhmor Borg Malta-Telex: Valmor MW 1355
Telefax: 243569

Valhmor Borg Import/Export Limited
Importers of Frozen Meats, Fish, Vegetables and Game
Telephone : Head Office: 23214/6/9 Sales Department: 237072,242892

Buxom Poultry Limited
Hatchers, Breeders and Processors
Telephone : Head Office: 232146/9 Hatchery: 803785,
Farm: 232589, 682105

Borg Cold Stores Limited
Public Cold Stores Operators and Producers of Flake Ice
Telephone : Head Office: 232146/9, Manager : 237774

Jolly Limited
Processors of Ham, Bacon and Sausages
Telephone : Head Office: 232146/9, Factory : 245791, Manager: 242780
Telefax: 244726

Vernon Foods Limited
Canners of Tomatoes, Fruits and Vegetables
Telephone : Head Office: 232146/9 , Factory: 236332
Telegrams : Vernfoods Malta

Royal Products Limited
Canners of Corned Beef and other Processed Meats
Telephone : Head Office: 232146/9, Factory : 443904
Telegrams : Vernfoods Malta.

MALTA POLICE

# DRUGS

# CRIMEPHONE

## Help the Police Fight Drug Abuse

IF YOU HAVE ANY INFORMATION
RING

# 243333

Leave your message on our 24 hour service-phone
All information treated as strictly confidential





MODERN
CLASSIC
TRADITIONAL
ELEGANT
AND
DURABLE

Design and function are the basis of a Fino kitchen - any Fino kitchen.





fino

C FINO + SONS LTD

Mriehel

*Quality - Generation after generation.*